IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.7.2016
COM(2016) 444 final

ANNEX 5

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra

Protokoll dwar ir-regoli ta' oriġini u l-proċeduri tal-oriġini

TAQSIMA A

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

akkwakultura tfisser il-kultivazzjoni ta' organiżmi akkwatiċi, inklużi ħut, molluski, krustaċji, u invertebrati akkwatiċi oħrajn u pjanti akkwatiċi, mill-ħażna ta' żerriegħa bħal bajd, iż-żgħar tal-ħut, il-bajd imfaqqas u larva, bi ndħil fit-trobbija jew il-proċessi ta' tkabbir biex tiżdied il-produzzjoni, bħal stokkjar regolari, tmigħ jew ħarsien minn predaturi;

ikklassifikat tfisser il-klassifikazzjoni ta’ prodott taħt intestatura jew subintestatura partikolari tas-SA;

awtorità doganali tfisser kull awtorità governattiva responsabbli skont il-liġi ta' Parti għall-amministrazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġijiet doganali jew, għall-UE, meta jkun stipulat hekk, is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea;

valur doganali tfisser il-valur kif iddeterminat skont il-Ftehim ta' Valutazzjoni Doganali;

determinazzjoni tal-oriġini tfisser determinazzjoni dwar jekk prodott jikkwalifikax bħala prodott oriġinarju b'konformità ma' dan il-Protokoll;

esportatur tfisser esportatur li jinsab fit-territorju ta' Parti;

prodott oriġinarju identiku tfisser prodotti li huma l-istess f'kull rispett, inklużi l-karatteristiċi fiżiċi, il-kwalità, u r-reputazzjoni, irrispettivament minn differenzi minuri fid-dehra li mhumiex rilevanti għad-determinazzjoni tal-oriġini ta' dawk il-prodotti skont dan il-Protokoll;

importatur tfisser importatur li jinsab fit-territorju ta' Parti;

materjal tfisser kwalunkwe ingredjent, komponent, parti, jew prodott li jintuża fil-produzzjoni ta' prodott ieħor;

piż nett ta' materjali mhux oriġinarji tfisser il-piż tal-materjal kif jintuża fil-produzzjoni tal-prodott, mingħjar ma jinkludi l-piż tal-imballaġġ tal-materjal;

piż nett tal-prodott tfisser il-piż ta' prodott mingħajr ma jinkludi l-piż tal-imballaġġ. Barra minn hekk, jekk il-produzzjoni tinkludi operazzjoni ta' tisħin jew tnixxif, il-piż nett tal-prodott jista' jkun il-piż nett tal-materjali kollha użati fil-produzzjoni tiegħu, ħlief l-ilma tal-intestatura 22.01 miżjud waqt il-produzzjoni tal-prodott;

produttur tfisser persuna li tinvolvi ruħha fi kwalunkwe tip ta' ħidma jew ipproċessar inklużi operazzjonijiet tat-tkabbir, l-estrazzjoni, it-trobbija, it-tagħlil, is-sajd, l-insib, il-kaċċa, il-manifattura, l-armar jew iż-żarmar ta' prodott;

prodott tfisser ir-riżultat ta' produzzjoni, anke jekk maħsub għall-użu bħala materjal fil-produzzjoni ta' prodott ieħor;

produzzjoni tfisser kwalunkwe tip ta' ħidma jew ipproċessar inklużi operazzjonijiet tat-tkabbir, l-estrazzjoni, it-trobbija, it-tagħlil, is-sajd, l-insib, il-kaċċa, il-manifattura, l-armar jew iż-żarmar ta' prodott;

valur tat-tranżazzjoni jew prezz mill-fabbrika tal-prodott tfisser il-prezz imħallas jew li jrid jitħallas lill-produttur tal-prodott fil-post fejn saret l-aħħar produzzjoni, u jrid jinkludi l-valur tal-materjali kollha. Jekk ma jkunx hemm prezz imħallas jew x'jitħallas jew jekk ma jkunx jinkludi l-valur tal-materjali kollha, il-valur tat-tranżazzjoni jew il-prezz mill-fabbrika tal-prodott:

(a) irid ikun jinkludi l-valur tal-materjali kollha u l-kost tal-produzzjoni użat fil-produzzjoni tal-prodott, ikkalkulat skont prinċipji ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati; u

(b) jista' jinkludi ammonti għall-ispejjeż ġenerali u l-profitt tal-produttur li jista' jkun raġonevolment allokat lill-produttur.

Kull taxxa interna li titħallas lura jew li tista' titħallas lura meta l-prodott jiġi esportat hija eskluża. Jekk il-valur tat-tranżazzjoni jew il-prezz mill-fabbrika tal-prodott jinkludu spejjeż imġarrba wara li l-prodott ikun telaq mill-post tal-produzzjoni, bħal trasport, tagħbija, ħatt, immaniġġar, jew assigurazzjoni, dawk l-ispejjeż iridu jiġu eskluži; u

valur ta' materjali mhux oriġinarji tfisser il-valur doganali tal-materjal fil-mument tal-importazzjoni tiegħu f'Parti, kif iddeterminat skont il-Ftehim ta' Valutazzjoni Doganali. Il-valur ta' materjal mhux oriġinarju jrid jinkludi kull spiża mġarrba fit-trasport, tal-materjal sal-post tal-importazzjoni, bħat-trasport, it-tagħbija, il-ħatt, l-immaniġġar, jew l-assigurazzjoni. Jekk il-valur doganali ma jkunx magħruf jew ma jistax ikun aċċertat, il-valur tal-materjali mhux oriġinarji jkun l-ewwel prezz aċċertabbli għall-materjali fl-Unjoni Ewropea jew fil-Kanada.

TAQSIMA B

REGOLI TAL-ORIĠINI

Artikolu 2

Rekwiżiti ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, prodott li joriġina fil-Parti fejn seħħet l-aħħar produzzjoni jekk, fit-territorju ta' Parti jew fit-territorju taż-żewġ Partijiet skont l-Artikolu 3, il-prodott:

(a) inkiseb kompletament skont it-tifsira tal-Artikolu 4;

(b) ġie prodott esklussivament minn materjali oriġinarji; jew

(c) għadda minn produzzjoni biżżejjed skont it-tifsira tal-Artikolu 5.

2. Ħlief kif previst fil-paragrafi 8 u 9 tal-Artikolu 3, il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Protokoll marbuta mal-ksib tal-istatus oriġinarju jridu jiġu ssodisfati mingħajr interruzzjoni fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet jew tat-tnejn li huma.

Artikolu 3

Kumulazzjoni tal-oriġini

1. Prodott li joriġina f'Parti jitqies li joriġina fil-Parti l-oħra meta jintuża bħala materjal fil-produzzjoni ta' prodott f'dik il-Parti l-oħra.

2. Esportatur jista' jqis produzzjoni mwettqa fuq materjal mhux oriġinarju fil-Parti l-oħra għall-finijiet ta' determinazzjoni ta' status oriġinarju ta' prodott.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx jekk il-produzzjoni mwettqa fuq prodott ma tmurx lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 u l-għan ta' din il-produzzjoni, kif jintwera fuq il-bażi ta' preponderanza ta' evidenza, ikun l-evażjoni tal-leġiżlazzjoni finanzjarja jew fiskali tal-Partijiet.

4. Jekk esportatur ikun mela dikjarazzjoni tal-oriġini għal prodott imsemmi fil-paragrafu 2, l-esportatur irid ikun jippossjedi stqarrija tal-fornitur mimlija u ffirmata mill-fornitur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni tal-prodott.

5. Stqarrija tal-fornitur tista' tkun l-istqarrija stabbilita fl-Anness 3 jew dokument ekwivalenti li jkun fih l-istess informazzjoni li tiddeskrivi l-materjali mhux oriġinarji kkonċernati f'biżżejjed dettall għall-identifikazzjoni tagħhom.

6. Jekk stqarrija tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 4 tkun f'format elettroniku, ma jkunx hemm bżonn li tiġi ffirmata, sakemm il-fornitur ikun identifikat għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali fil-Parti fejn tkun imtliet l-istqarrija tal-fornitur.

7. Stqarrija tal-fornitur tapplika għal fattura waħda jew fatturi multipli għall-istess materjal li jkun fornut f'perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar mid-data stabbilita fl-istqarrija tal-fornitur.

8. Suġġetta għall-paragrafu 9, jekk, kif permess mill-Ftehim tad-WTO, kull Parti jkollha ftehim ta' kummerċ ħieles mal-istess pajjiż terz, materjal ta' dak il-pajjiż terz ikun jista' jitqies mill-esportatur meta jiddetermina jekk prodott ikunx oriġinarju skont dan il-Ftehim.

9. Kull Parti għandha tapplika l-paragrafu 8 biss jekk ikun hemm fis-seħħ dispożizzjonijiet ekwivalenti bejn kull Parti u l-parti terza u wara qbil mill-Partijiet dwar il-kundizzjonijiet applikabbli.

10. Minkejja l-paragrafu 9, jekk kull Parti jkollha ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Istati Uniti, u wara qbil miż-żewġ Partijiet dwar il-kundizzjonijiet applikabbli, kull Parti għandha tapplika l-paragrafu 8 meta tiddetermina jekk prodott tal-Kapitolu 2 jew 11, l-intestaturi 16.01 sa 16.03, tal-Kapitolu 19, l-instestatura 20.02 jew 20.03 jew is-sottointestatura 3505.10 joriġinax skont dan il-Ftehim.

Artikolu 4

Prodotti miksuba kompletament

1. Il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miksuba kompletament f'Parti:

(a) prodotti minerali u riżorsi naturali oħrajn mhux ħajjin estratti jew miġbura minn hemmhekk;

(b) ħxejjex, pjanti u prodotti mill-pjanti maħsuda jew miġbura hemmhekk;

(c) annimali ħajjin li twieldu u trabbew hemmhekk;

(d) prodotti miksuba minn annimali ħajjin hemmhekk;

(e) prodotti minn annimali maqtula mwielda u mrobbija hemmhekk;

(f) prodotti miksuba mill-kaċċa, l-insib jew is-sajd hemmhekk, imma mhux lil hinn mil-limiti esterni tal-baħar territorjali tal-Parti;

(g) prodotti tal-akkwakultura mrobbija hemmhekk;

(h) ħut, frott tal-baħar bil-qoxra, u ħajjiet marini oħrajn miġbura lil hinn mil-limiti esterni ta' kwalunwe baħar territorjali minn bastiment;

(i) prodotti magħmula abbord bastimenti fabbriki esklussivament mill-prodotti msemmija fis-subparagrafu (f);

(j) prodotti minerali u riżorsi naturali oħrajn mhux ħajjin, miġbura jew estratti minn qiegħ il-baħar, is-sottoswol, jew qiegħ l-oċean ta':

(i) iż-żona ekonomika esklussiva tal-Kanada jew tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif iddeterminat mil-liġi domestika u b'konsistenza mal-Parti V tal-*Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar*, li saret f'Montego Bay fl-10 ta' Diċembru 1982 ("UNCLOS");

(ii) il-blata kontinentali tal-Kanada jew tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif iddeterminat mil-liġi domestika u b'konsistenza mal-Parti VI tal-UNCLOS; jew

(iii) iż-Żona kif definita fl-Artikolu 1(1) tal-UNCLOS,

minn Parti jew persuna ta' Parti, bil-kundizzjoni li dik il-Parti jew persuna ta' Parti jkollha drittijiet għall-isfruttament ta' dak il-qiegħ tal-baħar, sottoswol, jew qiegħ l-oċean;

(k) materja prima rkuprata minn prodotti użati miġbura hemmhekk, bil-kundizzjoni li dawn il-prodotti jkunu adatti biss għal irkupru ta' dan it-tip;

(l) komponenti rkuprati minn prodotti użati miġbura hemmhekk, bil-kundizzjoni li dawn il-prodotti jkunu adatti biss għal irkupru ta' dan it-tip, meta l-komponent ikun:

(i) inkorporat fi prodott ieħor; jew

(ii) prodott ulterjorment li jirriżulta fi prodott bi prestazzjoni u stennija tal-għomor ekwivalenti jew simili għal dawk ta' prodott ġdid tal-istess tip;

(m) prodotti, fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, prodotti hemmhekk esklużivament minn prodotti speċifikati fis-sottoparagrafi (a) sa (j).

2. Għall-fini tas-subparagrafi 1(f) u (g), il-kundizzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-bastiment jew il-bastiment fabbrika:

(a) il-bastiment jew il-bastiment fabbrika irid ikun:

(i) irreġistrat fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fil-Kanada; jew

(ii) elenkat il-Kanada, jekk dak il-bastiment:

(A) eżatt qabel l-elenkar tiegħu fil-Kanada, ikun intitolat itajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u jrid ibaħħar b'dik il-bandiera; u

(B) ikun jissodisfa l-kundizzjonijiet tas-subsubparagrafi 2(b)(i) jew 2(b)(ii);

(iii) ikun intitolat itajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kanada u jrid ikun ibaħħar taħt dik il-bandiera; u

(b) fir-rigward tal-Unjoni Ewropea, il-bastiment jew il-bastiment fabbrika irid ikun:

(i) tal-inqas 50 fil-mija proprjetà ta' ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea; jew

(ii) proprjetà ta' kumpaniji li għandhom l-uffiċċju reġistrat u l-post tan-negozju ewlieni tagħhom fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u li tal-inqas 50 fil-mija tagħhom ikunu proprjetà ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, entitajiet pubbliċi jew ċittadini ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea; jew

(c) fir-rigward tal-Kanada, il-bastiment jew il-bastiment fabbrika jrid jieħdu l-ħut, il-frott tal-baħar bil-qoxra, jew ħajjiet marini oħrajn taħt l-awtorità tal-liċenzja tas-sajd Kanadiża. Il-liċenzji tas-sajd Kanadiżi jinkludu liċenzji tas-sajd kummerċjali Kanadiżi u liċenzji tas-sajd aboriġini Kanadiżi maħruġa minn organizzazzjonijiet aboriġini. Id-detentur tal-liċenzja tas-sajd Kanadiża jrid ikun:

(i) ċittadin Kanadiż;

(ii) intrapriża b'mhux iktar minn 49 fil-mija proprjetà barranija u li jkollha preżenza kummerċjali fil-Kanada;

(iii) bastiment tas-sajd proprjetà ta' persuna msemmija fis-subsubparagrafu (i) jew (ii) li jkun irreġistrat fil-Kanada, intitolat li jtajjar il-bandiera tal-Kanada u jrid ibaħħar b'dik il-bandiera; jew

(iv) organizzazzjoni aboriġina li tinsab fit-territorju tal-Kanada. Persuna li tistad taħt l-awtorità ta' liċenzja tas-sajd aboriġina Kanadiża trid tkun ċittadina Kanadiża.

Artikolu 5

Produzzjoni suffiċjenti

1. Għall-fini tal-Artikolu 2, il-prodotti li ma jkunux kompletament miksuba huma meqjusa li jkunu għaddew minn produzzjoni suffiċjenti meta jilħqu l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness 5.

2. Jekk materjal mhux oriġinarju jgħaddi minn produzzjoni suffiċjenti, il-prodott riżultanti jitqies bħala oriġinarju u ma għandu jitqies l-ebda materjal mhux oriġinarju fih meta dak il-prodott jintuża fil-produzzjoni sussegwenti ta' prodott ieħor.

Artikolu 6

Tolleranza

1. Minkejja l-Artikolu 5.1. u ħlief kif previst fil-paragrafu 3, jekk il-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' prodott ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 5, il-prodott għandu jitqies prodott oriġinarju sakemm:

   (a) il-valur totali ta' dawk il-materjali mhux oriġinarji ma jaqbiżx l-10 fil-mija tal-valur tat-tranżazzjoni jew tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott;

   (b) l-ebda wieħed mill-perċentwali mogħtija fl-Anness 5 għall-valur jew piż massimu ta' materjali mhux oriġinarji ma jinqabeż bl-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu; u

   (c) il-prodott jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli l-oħra kollha ta' dan il-Protokoll.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għall-prodotti miksuba kompletament f'Parti skont it-tifsira tal-Artikolu 4. Jekk ir-regola tal-oriġini fl-Anness 5 tirrikjedi li l-materjali użati fil-produzzjoni ta' prodott ikunu miksuba kompletament, it-tolleranza prevista fil-paragrafu 1 tapplika għas-somma ta' dawn il-materjali.

3. Tolleranza għat-tessuti u prodotti tal-ħwejjeġ tal-Kapitolu 50 sa 63 tas-SA għandha tkun iddeterminata skont l-Anness 1.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 huma suġġetti għall-Artikolu 8(c).

Artikolu 7

Produzzjoni insuffiċjenti

1. Bla preġudizzju għall-paragrafu 2, l-operazzjonijiet li ġejjin mhumiex suffiċjenti biex jikkonferixxu l-oriġini fuq prodott, sew jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 jew 6 ikunu ssodisfati u sew jekk le:

   (a) operazzjonijiet maħsuba esklusivament għall-preservazzjoni ta' prodotti f'kundizzjoni tajba matul il-ħżin u t-trasport[1];

   (b) ftuħ jew assemblaġġ ta' pakketti;

   (c) ħasil, tindif, jew operazzjonijiet ta' tneħħija ta’ trab, ossidu, żejt, żebgħa jew xi kisi ieħor minn prodott;

   (d) il-mogħdija jew il-pressa tat-tessuti u oġġetti tessili tal-Kapitolu 50 sa 63 tas-SA;

   (e) operazzjonijiet sempliċi ta' żebgħa u lostru;

   (f) ħruġ mill-fosdqa, ibbliċjar, illostrar, jew igglejżjar ta' ċereali jew ross tal-Kapitolu 10 li ma jirriżultawx f'bidla tal-kapitolu;

   (g) operazzjonijiet sabiex jingħata l-kulur jew it-togħma liz-zokkor tal-intestatura 17.01 jew 17.02; operazzjonijiet biex jiġu ffurmati kubi taz-zokkor tal-intestatura 17.01; tħin parzjali jew totali taz-zokkor kristallin tal-intestatura 17.01;

   (h) tqaxxir, tneħħija tal-għadam, jew tfesdiq ta' ħxejjex tal-Kapitolu 7, frott tal-Kapitolu 8, ġwież tal-intestatura 08.01 jew 08.02 jew karawett tal-intestatura 12.02, jekk dawn il-ħxejjex, frott, ġwież, jew karawett jibqgħu kklassifikati fl-istess kapitolu;

   (i) tisnin, tidħin sempliċi jew qtugħ sempliċi;

   (j) tgħarbil sempliċi, skrinjar, issortjar, klassifikazzjoni, gradazzjoni, jew tqabbil;

[1] Operazzjonijiet ta' preservazzjoni bħal tkessiħ, iffriżar, jew ventilazzjoni jitqiesu bħala insuffiċjenti skont it-tifsira tas-subparagrafu (a), filwaqt li operazzjonijiet bħal tindif, tnixxif, jew affumikazzjoni li jkunu maħsuba biex prodott jingħata karatteristiċi speċjali jew differenti mhumiex ikkunsidrati bħala insuffiċjenti.

(k) operazzjonijiet sempliċi ta' mballaġġ, bħal tqegħid fi fliexken, laned, fjasketti, boroż, kaxxetti, kaxex, jew immuntar fuq kards jew bords;

(l) twaħħil jew stampar ta' marki, tikketti, logos u sinjali oħra simili ta' distinzjoni fuq il-prodotti jew l-imballaġġ tagħhom;

(m) taħlit taz-zokkor tal-intestatura 17.01 jew 17.02 bi kwalunkwe materjal;

(n) taħlit sempliċi ta' materjali, kemm jekk ta' tipi differenti u kemm jekk le; taħlit sempliċi ma jinkludix operazzjoni li tikkawża reazzjoni kimika kif definit fin-noti tal-Kapitolu 28 jew 29 tal-Anness 5;

(o) assemblaġġ sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti biex ikun ikkostitwit oġġett komplut tal-Kapitolu 61, 62 jew 82 sa 97 tas-SA jew żarmar f'parts ta' prodotti kompluti tal-Kapitolu 61, 62 jew 82 sa 97;

(p) kumbinazzjoni ta' żewġ operazzjonijiet jew aktar speċifikati fis-subparagrafi (a) sa (o); u

(q) tbiċċir ta' annimali.

2. Skont l-Artikolu 3, il-produzzjoni kollha mwettqa fl-Unjoni Ewropea u fil-Kanada fuq prodott tiġi kkunsidrata meta jiġi ddeterminat jekk il-produzzjoni li tkun saret fuq dak il-prodott tkunx insuffiċjenti skont it-tifsira tal-paragrafu 1.

3. Għall-fini tal-paragrafu 1, operazzjoni għandha titqies bħala sempliċi meta ma jkunu meħtieġa la ħiliet speċjali u lanqas magni, tagħmir jew għodod maħdumin jew installati b'mod speċjali għall-prestazzjoni ta' dawk l-operazzjonijiet, jew meta dawk il-ħiliet, magni, tagħmir, jew għodod ma jikkontribwixxux għall-karattaristiċi jew il-proprjetajiet essenzjali tal-prodott.

Artikolu 8

Unità ta' klassifikazzjoni

Għall-fini ta' dan il-Protokoll:

(a) il-klassifikazzjoni tariffarja ta' prodott jew materjal partikolari għandu jkun iddeterminat skont is-SA;

(b) meta prodott magħmul minn grupp jew ġabra ta' oġġetti jew komponenti jiġi kklasifikat skont it-termini tas-SA f'intestatura jew subintestatura waħda, l-entità sħiħa għandha tikkostitwixxi l-prodott partikolari; u

(c) meta konsenja tkun tikkonsisti f'għadd ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura jew subintestatura tas-SA, kull prodott għandu jitqies separatament.

Artikolu 9

Imballaġġ u materjali tal-imballaġġ u kontenituri

1. Jekk, skont ir-Regola Ġenerali 5 tas-SA, l-imballaġġ ikun inkluż mal-prodott għal finijiet ta' klassifikazzjoni, dan jitqies fid-determinazzjoni ta' jekk il-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni tal-prodott jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 5.

2. Materjali ta' mballaġġ u kontenituri li prodott ikun ippakkjat għall-konsenja fihom ma għandhomx jitqiesu għad-determinazzjoni tal-oriġini ta' dak il-prodott.

Artikolu 10

Segregazzjoni tal-kontijiet ta' materjali u prodotti funġibbli

1. (a) Jekk materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji jintużaw fil-produzzjoni ta' prodott, id-determinazzjoni tal-oriġini tal-materjali funġibbli ma hemmx bżonn issir permezz ta' separazzjoni u identifikazzjoni fiżika ta' kwalunkwe materjal funġibbli speċifiku, imma tista' tiġi ddeterminata fuq il-bażi ta' sistema ta' ġestjoni tal-inventarju; jew

(b) jekk prodotti funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji tal-Kapitoli 10, 15, 27, 28, 29, l-intestaturi 32.01 sa 32.07, jew l-intestaturi 39.01 sa 39.14 tas-SA jingħaqdu fiżikament jew jitħallru f'inventarju f'Parti qabel l-esportazzjoni lejn il-Parti l-oħra, id-determinazzjoni tal-oriġini tal-prodotti funġibbli ma hemmx bżonn issir permezz ta' separazzjoni u identifikazzjoni fiżika ta' kwalunkwe prodott funġibbli speċifiku, imma tista' tiġi ddeterminata fuq il-bażi ta' sistema ta' ġestjoni tal-inventarju.

2. Is-sistema ta' ġestjoni tal-inventarju trid:

(a) tiżgura li, fi kwalunkwe mument, l-ebda prodott ieħor ma jirċievi status oriġinarju li kien ikun il-każ li kieku l-materjali funġibbli jew prodotti funġibbli kienu jkunu fiżikament segregati;

(b) tispeċifika l-kwantità ta' materjali jew prodotti oriġinarji u mhux oriġinarji, inklużi d-dati ta' meta dawk il-materjali jew prodotti tqiegħdu f'inventarju u, jekk meħtieġ mir-regola tal-oriġini applikabbli, il-valur ta' dawk il-materjali jew prodotti;

(c) tispeċifika l-kwantità tal-prodotti magħmula bl-użu ta' materjali funġibbli, jew il-kwantità tal-prodotti funġibbli, fornuti lill-klijenti li jeħtieġu evidenza tal-oriġini f'Parti għall-fini tal-ksib ta' trattament preferenzjali skont dan il-Ftehom, kif ukoll għal klijenti li ma jeħtiġux din l-evidenza; u

(d) tindika jekk kienx hemm inventarju ta' prodotti oriġinarji disponibbli fi kwantità suffiċjenti biex issostni d-dikjarazzjoni ta' status oriġinarju.

3. Parti tista' titlob li esportatur jew produttur fit-territorju tagħha li qed jipprova juża sistema ta' ġestjoni tal-inventarju skont dan l-Artikolu jikseb awtorizzazzjoni bil-quddiem minn dik il-Parti sabiex juża dik is-sistema. Il-Parti tista' tirtira l-awtorizzazzjoni għall-użu tas-sistema ta' ġestjoni tal-inventarju jekk l-esportatur jew produttur jużahż b'mod mhux xieraq.

4. Għall-fini tal-paragrafu 1, “materjali funġibbli” jew "prodotti funġibbli" tfisser materjali jew prodotti tal-istess ġeneru u tal-istess kwalità kummerċjali, bl-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u li ma jistgħux jiġu distinti wieħed mill-ieħor għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 11

Aċċessorji, parts u għodda

Aċċessorji, parts, u għodda kkonsenjati ma' prodott li jifforma parti mill-aċċessorji parts u għodda standard tiegħu, li mhumiex iffatturati separatament mill-prodott u xi kwantitajiet u valur huma abitwali għall-prodott, għandhom:

(a) jitqiesu fil-kalkolu tal-valur tal-materjali mhux oriġinarji rilevanti meta r-regola tal-oriġini tal-Anness 5 applikabbli għall-prodott li jkun fih perċentwali għall-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji; u

(b) jitwarrbu għad-determinazzjoni ta' jekk hux il-materjali kollha mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni tal-prodott jgħaddu mill-bidla applikabbli fil-klassifikazzjoni tariffarja jew rekwiżiti oħrajn stabbiliti fl-Anness 5.

Artikolu 12

Settijiiet

1. Ħlief kif previst fl-Anness 5, sett, kif imsemmi fir-Regola Ġenerali 3 tas-SA, huwa oriġinarju sakemm:

(a) il-prodotti komponenti kollha tas-sett huma oriġinarji; jew

(b) meta s-sett ikollu prodott komponent mhux oriġinarju, tal-inqas wieħed mill-komponenti jew il-materjal tal-imballaġġ kollu u l-konteniturigħas-sett huwa oriġinarju; u

(i) il-valur tal-prodotti komponenti mhux oriġinarji tal-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata ma jaqbiżx il-15 fil-mija tal-valur tat-tranżazzjoni jew tal-prezz mill-fabbrika tas-sett;

(ii) il-valur tal-prodotti komponenti mhux oriġinarji tal-Kapitoli 25 sa 97 tas-SA ma jaqbiżx il-25 fil-mija tal-valur tat-tranżazzjoni jew tal-prezz mill-fabbrika tas-sett; u

(iii) il-valur tal-prodotti komponenti mhux oriġinarji kollha tas-sett jaqbiżx il-25 fil-mija tal-valur tat-tranżazzjoni jew tal-prezz mill-fabbrika tas-sett.

2. Il-valur ta' prodotti komponenti mhux oriġinarji huwa kkalkulat bl-istess mod bħall-valur ta' materjali mhux oriġinarji.

3. Il-valur tat-tranżazzjoni jew prezz mill-fabbrika tas-sett għandu jkun ikkalkulat bl-istess mod bħall-valur tat-tranżazzjoni jew il-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

Artikolu 13

Elementi newtrali

Għall-fini tad-determinazzjoni ta' jekk prodott ikunx oriġinarju, mhuwiex meħtieġ li jiġi ddeterminat l-oriġini ta’ dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni tiegħu:

(a) l-enerġija u l-fjuwil;

(b) l-impjant u t-tagħmir;

(c) il-magni u l-għodda; jew

(d) materjali li ma jidħlux u li mhumiex intiżi li jidħlu fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

Artikolu 14

Trasport li jgħaddi minn pajjiż terz

1. Prodott li jkun għadda minn produzzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 2 għandu jitqies bħala oriġinarju biss jekk, wara dik il-produzzjoni, il-prodott:

   (a) ma jkunx għadda minn produzzjoni ulterjuri jew kwalunkwe operazzjoni oħra barra mit-territorji tal-Partijiet, ħlief ħatt, tagħbija mill-ġdid, jew kwalunkwe operazzjoni oħra neċessarja biex jinżamm f'kundizzjoni tajba jew biex il-prodott jiġi ttrasportat lejn it-territorju ta' Parti; u

   (b) jibqa' taħt il-kontroll doganali waqt li jkun barra mit-territorji tal-Partijiet.

2. Il-ħżin ta' prodotti jew konsenji jew il-qsim ta' konsenji jistgħu jseħħu meta jitwettqu taħt ir-responsabilità tal-esportatur jew ta' detentur sussegwenti tal-prodotti u l-prodotti jibqgħu taħt il-kontroll doganali fil-pajjiż jew pajjiżi ta' tranżitu.

Artikolu 15

Prodotti oriġinarji rritornati

Jekk prodott oriġinarju esportat mill-Parti lejn pajjiż terz jiġi rritornat, huwa għandu jitqies bħala mhux oriġinarju sakemm ma jkunx jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li l-prodott irritornat:

(a) ikun l-istess bħal dak esportat; u

(b) ma jkun għadda minn ebda operazzjoni lil hinn minn dak meħtieġ biex jinżamm f'kundizzjoni tajba.

Artikolu 16

Zokkor

1. Jekk regola tal-oriġini tkun teħtieġ li l-piż nett ta' zokkor mhur oriġinarju użat fi produzzjoni ma jaqbiżx livell limitu speċifikat, il-prodott jissodisfa din il-kundizzjoni jekk il-piż nett totali tal-monosakkaridi u d-disakkaridi kollha li jkunu fil-prodott, jew fil-materjali użati fil-produzzjoni, ma jkunx jaqbeż dan il-livell limitu.

2. Il-prodott jissodisfa wkoll il-kundizzjoni fil-paragrafu 1 jekk il-livell limitu ma jinqabiżx mill-piż nett taz-zokkor mhux oriġinarju kklassifikat fl-intestatura 17.01 jew fis-subintestaturi 1702.30 sa 1702.60 jew 1702.90 ħlief għal malto-destrina, maltożju kimikament pur, jew karamella "li tagħti l-kulur", kif deskritt fin-noti spjegattivi tal-intestatura 17.02, meta jintużaw hekk fil-produzzjoni:

(a) tal-prodott; u

(b) tal-materjali li fihom zokkor mhux oriġinarju fis-subintestaturi 1302.20, 1704.90, 1806.10, 1806.20, 1901.90, 2101.12, 2101.20, 2106.90, u 3302.10 li jintużaw b'dak il-mod fil-produzzjoni tal-prodott. Inkella, jista' jintuża wkoll il-piż nett tal-monosakkaridi u d-disakkaridi kollha li jinsabu fi kwalunkwe minn dawn il-materjali li fihom iz-zokkor. Jekk il-piż nett taz-zokkor mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni ta' dawn il-materjali li fihom iz-zokkor jew il-piż nett tal-monosakkaridi u d-disakkaridi li jinsabu fil-materjali li fihom iz-zokkor ma jkunx magħruf, irid japplika l-piż nett totali ta' dawn il-materjali użati bħala tali fil-produzzjoni.

3. Il-piż nett ta' kwalunkwe zokkor mhux oriġinarju kif imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jiġi kkalkulat fuq bażi ta' piż niexef.

4. Għall-fini tar-regoli ta' oriġini għall-intestatura 17.04 u 18.06, il-valur taz-zokkor mhux oriġinarju jirreferi għall-valur tal-materjal mhux oriġinarju msemmi fil-paragrafu 2 li jintuża fil-produzzjoni tal-prodott.

Artikolu 17

Kost nett

1. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin, flimkien ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 1:

vettura bil-mutur tfisser prodott tas-subintestaturi 8703.21 sa 8703.90;

kost nett tfisser kost totali neħħi l-kostijiet tal-promozzjoni għall-bejgħ, tal-kummerċjalizzazzjoni u tas-servizzi ta' wara l-bejgħ, ir-royalties, il-kostijiet tal-konsenja u tal-imballaġġ, u kost ta' mgħax mhux permissibbli li huma inklużi fil-kost totali;

kost ta' mgħax mhux permissibbli tfisser kostijiet ta' mgħax mġarrba minn produttur li jaqbżu s-700 punt bażi 'l fuq mir-rata tal-imgħax applikabbli tal-gvern nazzjonali identifikata għal maturitajiet komparabbli;

royalty tfisser ħlasijiet ta' kull tip, inklużi ħlasijiet b'assistenza teknika jew ftehimiet simili, li jsiru bħala korrispettiv għall-użu jew jedd għall-użu ta' drittijiet tal-awtur, xogħlijiet letterarji, artistiċi, jew xjentifiċi, privattiva, marka kummerċjali, disinn, mudell, pjan, formula jew proċess sigrieti, ħlief dawk il-ħlasijiet b'assistenza teknika jew ftehimiet simili li jistgħu jkunu relatati ma' servizzi speċifiċi bħal:

(a) taħriġ ta' persunal, irrispettivament minn fejn isir; u

(b) jekk isiru fit-territorju ta' wieħed mill-Partijiet jew tat-tnejn li huma, inġinerija, forniment ta' għodod, issettjar tal-mastra, tfassil ta' softwer u servizzi simili tal-kompjuters, jew servizzi oħrajn;

kostijiet tal-promozzjoni għall-bejgħ, tal-kummerċjalizzazzjoni u tas-servizzi tal-bejgħ, tfisser il-kostijiet li ġejjin relatati mal-promozzjoni għall-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni u s-servizz ta' wara l-bejgħ:

(a) promozzjoni għall-bejgħ u tal-kummerċjalizzazzjoni; reklamar fil-mezzi tax-xandir; reklamar u riċerka dwar is-suq; materjali dimostrattivi u ta' promozzjoni; eżibizzjonijiet; konferenzi tal-bejgħ, wirjiet kummerċjali u konvenzjonijiet; strixxuni; wirjiet ta' kummerċjalizzazzjoni; kampjuni b'xejn; litteratura dwar il-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni u s-servizz ta' wara l-bejgħ (fuljetti tal-prodott, katalgi, litteratura teknika, listi tal-prezzijiet, manwali tas-servizz u informazzjoni dwar l-għajnuna fil-bejgħ); it-twaqqif u l-protezzjoni ta' logos u marki kummerċjali; sponsorizzazzjonijiet; ħlasijiet tal-bejgħ bl-ingrossa u tar-riforniment għall-bejgħ bl-imnut; divertiment;

(b) inċentivi għall-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni; roħs għall-konsumatur, il-bejjiegħ bl-imnut jew il-bejjiegħ bl-ingrossa; inċentivi ta' merkanzija;

(c) salarji u pagi; kummissjonijiet fuq il-bejgħ; bonusijiet; benefiċċji (pereżempju, mediċi, tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni); spejjeż ta' vvjaġġar u tal-għajxien; u tariffi professjonali u ta' sħubija għall-persunal tal-promozzjoni għall-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni u s-servizz ta' wara l-bejgħ;

(d) reklutaġġ u taħriġ tal-persunal tal-promozzjoni għall-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni u s-servizz ta' wara l-bejgħ, u taħriġ ta' wara l-bejgħ għall-impjegati tal-klijenti, jekk dawk il-kostijiet ikunu identifikati separatament għall-promozzjoni għall-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni, u s-servizz ta' wara l-bejgħ ta' prodotti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew il-kontijiet tal-kostijiet tal-produttur;

(e) assigurazzjoni ta' responsabilità fuq il-prodott;

(f) provvisti tal-uffiċċju għall-promozzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u s-servizz ta' wara l-bejgħ, jekk dawk il-kostijiet ikunu identifikati separatament għall-promozzjoni għall-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni, u s-servizz ta' wara l-bejgħ ta' prodotti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew il-kontijiet tal-kostijiet tal-produttur;

(g) telefown, posta, u komunikazzjonijiet oħra, jekk dawk il-kostijiet ikunu identifikati separatament għall-promozzjoni għall-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni, u s-servizz ta' wara l-bejgħ ta' prodotti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew il-kontijiet tal-kostijiet tal-produttur;

(h) kera u deprezzament tal-uffiċċji u ċ-ċentri ta' distribuzzjoni tal-promozzjoni għall-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni u s-servizz ta' wara l-bejgħ;

(i) primjums tal-assigurazzjoni fuq il-proprjetà, taxxi, kostijiet tal-utilitajiet, u tiswijiet u manutenzjoni tal-uffiċċji għall-promozzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u s-servizz ta' wara l-bejgħ u ċ-ċentri ta' distribuzzjoni, meta dawn il-kostijiet ikunu identifikati separatament għall-promozzjoni għall-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni, u s-servizz ta' wara l-bejgħ ta' prodotti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew il-kontijiet tal-kostijiet tal-produttur; u

(j) ħlasijiet mill-produttur lil persuni oħrajn għal tiswijiet bil-garanzija;

kostijiet ta' konsenja u mballaġġ tfisser il-kostijiet mġarrba fl-imballaġġ ta' prodott għad-dispaċċ u għall-bgħit tal-prodott mill-punt ta' dispaċċ lix-xerrej, ħlief il-kostijiet tat-tħejjija u l-imballaġġ tal-prodott għall-bejgħ bl-imnut; u

kost totali tfisser il-kostijiet tal-prodott, il-kostijiet tal-perjodu u l-kostijiet l-oħrajn kollha mġarrba fir-rigward tal-produzzjoni ta' prodott fil-Kanada meta:

(a) **kostijiet tal-prodott** tfisser li dawk il-kostijiet huma marbuta mal-produzzjoni ta' prodott u jinkludu l-valur tal-materjali, il-kostijiet tax-xogħol dirett, u spejjeż ġenerali diretti.

(b) **kostijiet tal-perjodu** tfisser dawk il-kostijiet ħlief il-kostijiet tal-prodott li jintefqu fil-perjodu meta jiġġarrbu, inklużi spejjeż ta' bejgħ u spejjeż ġenerali u amministrattivi.

(c) **spejjeż oħrajn** tfisser l-ispejjeż kollha rreġistrati fil-kotba tal-produttur li mhumiex kostijiet tal-prodott jew kostijiet tal-perjodu.

2. Għall-fini tal-kalkolu tal-kost nett ta' prodott skont it-Tabella D.1 (Allokazzjoni tal-Kwota Annwali għall-Vetturi Esportati mill-Kanada lejn l-Unjoni Ewropea) fl-Anness 5-A, il-produttur tal-prodott jista':

(a) jikkalkula l-kost totali mġarrab fir-rigward tal-prodotti kollha prodotti minn dak il-produttur, inaqqas kull spiża ta' promozzjoni għall-bejgħ, kummerċjalizzazzjoni u servizz ta' wara l-bejgħ, royalties, kostijiet tal-konsenja u l-imballaġġ, u kostijiet ta' mgħax mhux permissibbli li jkun inkluż fil-kost totali ta' dawk il-prodotti kollha, u mbagħad jalloka raġonevolment il-kost nett riżultanti ta' dawk il-prodotti lill-prodott;

(b) jikkalkula l-kost totali mġarrab fir-rigward tal-prodotti kollha prodotti minn dak il-produttur, jalloka raġonevolment il-kost totali tal-prodott, u mbagħad inaqqas kull spiża ta' promozzjoni għall-bejgħ, kummerċjalizzazzjoni u servizz ta' wara l-bejgħ, royalties, kostijiet tal-konsenja u l-imballaġġ, u kostijiet ta' mgħax mhux permissibbli li jkun inkluż fil-porzjon tal-kost totali allokat għall-prodott; jew

(c) jalloka raġonevolment kull kost li jifforma parti mill-kost totali mġarrab minn dak il-produttur fir-rigward tal-prodott biex l-ammont aggregat ta' dawn il-kostijiet ma jkunx jinkludi kwalunkwe kost ta' promozzjoni għall-bejgħ, kummerċjalizzazzjoni u servizz ta' wara l-bejgħ, royalty, kost tal-konsenja u l-imballaġ, jew kost ta' mgħax mhux permissibbli.

3. Għall-fini tal-kalkolu tal-kost nett ta' prodott skont il-paragrafu 1, il-produttur jista' juża l-medja tal-kalkolu tiegħu tul is-sena fiskali tiegħu, billi juża kwalunkwe wieħed mill-kategoriji li ġejjin, fuq il-bażi jew tal-vetturi bil-mutur kollha prodotti minn dak il-produttur fil-kategorija jew dawk il-vetturi bil-mutur biss fil-kategorija li huma prodotti minn dak il-produttur u esportati lejn it-territorju tal-Parti l-oħra:

   (a) l-istess linja tal-mudell ta' vetturi bil-mutur fl-istess klassi ta' vetturi prodotti fl-istess impjant fit-territorju ta' Parti;

   (b) l-istess linja tal-mudell ta' vetturi bil-mutur prodotti fl-istess impjant fit-territorju ta' Parti;

   (c) l-istess linja tal-mudell ta' vetturi bil-mutur prodotti fit-territorju ta' Parti;

   (d) l-istess klassi ta' vetturi bil-mutur prodotti fl-istess impjant fit-territorju ta' Parti; jew

   (e) kwalunkwe kategorija oħra kif jiddeċiedu l-Partijiet.

TAQSIMA C

PROĊEDURI TAL-ORIĠINI

Artikolu 18

Prova tal-oriġini

1. Prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, wara l-importazzjoni lejn il-Kanada, u prodotti li joriġinaw fil-Kanada, wara importazzjoni fl-Unjoni Ewropea, jibbenefikaw mit-trattament tariffarju preferenzjali ta' dan il-Ftehim fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni ("dikjarazzjoni tal-oriġini").

2. Id-dikjarazzjoni tal-oriġini tiġi pprovduta fuq fattura jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodott oriġinarju f'biżżejjed dettall biex ikun jista' jiġi identifikat.

3. Il-verżjonijiet lingwistiċi differenti tat-test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini huma stabbiliti fl-Anness 2.

Artikolu 19

Obbligi li jirrigwardaw l-esportazzjonijiet

1. Għandha timtela dikjarazzjoni tal-oriġini kif imsemmi fl-Artikolu 18.1:

   (a) fl-Unjoni Ewropea, minn esportatur b'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea; u

   (b) fil-Kanada, minn esportatur b'konformità mal-Parti V tal-*Att dwar id-Dwana*, R.S.C., 1985, c. 1 (it-2ni Supp.).

2. L-esportatur li jimla dikjarazzjoni tal-oriġini għandu fuq talba tal-awtorità doganali tal-Parti tal-esportazzjoni jibgħat kopja tad-dikjarazzjoni tal-oriġini u d-dokumenti xierqa kollha li huma prova tal-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati, inklużi dokumenti ta' appoġġ jew dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-produtturi jew mill-fornituri, u jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

3. Dikjarazzjoni tal-oriġini għandha timtela u tiġi ffirmata mill-esportatur sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor.

4. Parti tista' tippermetti li dikjarazzjoni tal-oriġini timtela mill-esportatur meta l-prodotti marbutin magħha jiġu esportati, jew wara l-esportazzjoni jekk id-dikjarazzjoni tal-oriġini tiġi ppreżentata fil-Parti importatriċi fi żmien sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti marbutin magħha jew f'perjodu taż-żmien itwal jekk ikun speċifikat hekk mil-liġijiet tal-Parti importatriċi.

5. L-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni tista' tippermetti l-applikazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-oriġini għal konsenji multipli ta' prodotti oriġinarji identiċi li jsiru f'perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx it-12-il xahar kif stabbilit mill-esportatur f'dik id-dikjarazzjoni.

6. Esportatur li jkun mela dikjarazzjoni tal-oriġini u jsir jaf jew ikollu raġuni biex jemmen li d-dikjarazzjoni tal-oriġini fiha informazzjoni skorretta għandu jinnotifika minnufih lill-importatur bil-miktub bi kwalunkwe bidla li taffettwa l-istatus oriġinarju ta' kull prodott li d-dikjarazzjoni tal-oriġini tapplika għalih.

7. Il-Partijiet jistgħu jippermettu it-twaqqif ta' sistema li tippermetti li dikjarazzjoni tal-oriġini tintbagħat elettronikament u direttament mill-esportatur fit-territorju ta' Parti lil importatur fit-territorju tal-Parti l-oħra, inkluż is-sostituzzjoni tal-firma tal-esportatur fuq id-dikjarazzjoni tal-oriġini b'firma elettronika jew kodiċi ta' identifikazzjoni.

Artikolu 20

Validità tad-dikjarazzjoni tal-oriġini

1. Dikjarazzjoni tal-oriġini għandha tkun valida għal 12-il xahar mid-data li fiha timtela mill-esportatur, jew għal perjodu taż-żmien itwal kif ipprovdut mill-Parti tal-importazzjoni. It-trattament tariffarju preferenzjali jista' jintalab, matul dan il-perjodu ta' validità, lill-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni.

2. Il-Parti tal-importazzjoni tista' taċċetta dikjarazzjoni tal-oriġini mibgħuta lill-awtorità doganali tagħha wara l-perjodu ta' validità msemmi fil-paragrafu 1 għall-fini ta' trattament tariffarju preferenzjali b'konformità mal-liġijiet tal-Parti.

Artikolu 21

Obbligi li jirrigwardaw l-importazzjonijiet

1. Biex jitlob trattament tariffarju preferenzjali, l-importatur għandu:

   (a) jibgħat id-dikjarazzjoni tal-oriġini lill-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni kif mitlub mill-proċeduri applikabbli ta' dik il-Parti u b'konformità magħhom;

   (b) jekk l-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni tkun teħtieġ hekk, jibgħat traduzzjoni tad-dikjarazzjoni tal-oriġini; u

   (c) jekk l-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni tkun teħtieġ hekk, jipprovdi stqarrija li takkumpanja jew tifforma parti mid-dikjarazzjoni tal-importazzjoni, li tiddikjara li l-prodotti jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Importatu r li jsir jaf jew ikollu raġuni biex jemmen li dikjarazzjoni tal-oriġini għal prodott li ngħatalu trattament tariffarju preferenzjali fiha informazzjoni skorretta għandu minnufih jinnotifika lill-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni bil-miktub bi kwalunkwe bidla li taffettwa l-istatus oriġinarju ta' dak il-prodott u jħallas kull dazju dovut.

3. Meta importatur jitlob trattament tariffarju preferenzjali għal oġġett importat mit-territorju tal-Parti l-oħra, il-Parti importatriċi tista' tiċħad it-trattament tariffarju preferenzjali għall-oġġett jekk l-importatur jinqos milli jikkonforma ma' kwalunkwe rekwiżit f'dan il-Protokoll.

4. Parti, b'konformità mal-liġi tagħha, għandha tistipula li, jekk prodottkien jikkwalifika bħala prodott oriġinarju meta kien importat fit-territorju ta' dik il-Parti imma l-importatur ma kellux dikjarazzjoni tal-oriġini fil-mument tal-importazzjoni, l-importatur tal-prodott jista', f'perjodu ta' żmien ta' mhux inqas minn tliet snin wara d-data tal-importazzjoni, japplika għal rifużjoni tad-dazji mħallsa minħabba li l-prodott ma jkunx ingħata trattament tariffarju preferenzjali.

Artikolu 22

Provi relatati ma' trasport li jgħaddi minn pajjiż terz

Kull parti, permezz tal-awtorità doganali tagħha, tista' teħtieġ li importatur juri li prodott li l-importatur qed jitlob trattament tariffarju preferenzjali għalih ġie ttrasportat b'konformità mal-Artikolu 14 billi jipprovdi:

(a) dokumenti tat-trasportatur, inklużi poloz ta' kargu jew poloz ta' vjeġġ, li jindikaw ir-rotta tad-dispaċċ u l-punti kollha tad-dispaċċ u tat-trasbord qabel l-importazzjoni tal-prodott; u

(b) meta l-prodott jiġi ttrasportat b'tali mod li jgħaddi mit-territorji tal-Partijiet jew jiġi trasbordjat 'il barra minnhom, kopja tad-dokumenti ta' kontroll doganali li jindikaw lil dik l-awtorità doganali li l-prodott baqa' taħt il-kontroll doganali waqt li kien barra mit-territorji tal-Partijiet.

Artikolu 23

Importazzjoni gradwali

Kull Parti għandha tistipula li jekk prodotti żarmati jew mhux immuntati skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) tas-SA li huma kklassifikati fit-Taqsimiet XVI u XVII jew l-intestaturi 7308 u 9406 tas-SA ikunu importati gradwalment wara talba tal-importatur u bil-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni, għandha tintbagħat dikjarazzjoni tal-oriġini waħda għal dawn il-prodotti, kif meħtieġ, lil dik l-awtorità doganali wara l-importazzjoni tal-ewwel biċċa.

Artikolu 24

Eżenzjonijiet minn dikjarazzjonijiet tal-oriġini

1. B'konformità mal-liġijiet tagħha, Parti tista' tneħħi r-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-oriġini kif imsemmi fl-Artikolu 21, għal konsenji ta' valur baxx ta' prodotti oriġinarji minn Parti oħra u għal prodotti oriġinarji li jiffurmaw parti mill-bagalja personali ta' vjaġġatur li jkun ġej minn Parti oħra.

2. Parti tista' teskludi kwalunkwe importazzjoni mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 meta l-importazzjoni tkun parti minn sensiela ta' importazzjonijiet li jistgħu raġonevolment jitqiesu li saru jew li ġew irranġati għall-fini li jiġu evitati r-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll relatati mad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini.

3. Il-Partijiet jistgħu jiffissaw limiti fuq il-valur għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, u għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar dawk il-limiti.

Artikolu 25

Dokumenti ta' prova

Id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 19.2 jistgħu jinkludu dokumenti relatati ma' li ġej:

(a) il-proċessi tal-produzzjoni mwettqa fuq il-prodott oriġinarju jew fuq il-materjali użati fil-produzzjoni ta' dak il-prodott;

(b) ix-xiri tal-prodott, il-kost tiegħu, il-valur tiegħu u l-ħlas għalih;

(c) l-oriġini tal-materjali kollha, inklużi l-elementi newtrali, użati fil-produzzjoni tal-prodott, ix-xiri tagħhom, il-kost tagħhom, il-valur tagħhom u l-ħlas għalihom; u

(d) il-konsenja tal-prodott.

Artikolu 26

Preservazzjoni tar-reġistrazzjonijiet

1. Esportatur li jkun mela dikjarazzjoni tal-oriġini għandu jżomm kopja tad-dikjarazzjoni tal-oriġini, kif ukoll id-dokumenti ta' prova msemmija fl-Artikolu 25, għal tliet snin wara l-mili tad-dikjarazzjoni tal-oriġini jew għal perjodu itwal taż-żmien kif tista' tispeċifika l-Parti tal-esportazzjoni.

2. Jekk esportatur ikun ibbaża dikjarazzjoni tal-oriġini fuq stqarrija bil-miktub mill-produttur, il-produttur għandu jkun marbut iżomm reġistrazzjoni skont il-paragrafu 1.

3. Meta l-liġijiet tal-Parti tal-importazzjoni jistipulaw hekk, importatur li jkun ingħata trattament tariffarju preferenzjali għandu jżomm dokumentazzjoni relatata mal-importazzjoni tal-prodott, inkluża kopja tad-dikjarazzjoni tal-oriġini, għal tliet snin wara d-data li fiha jkun ingħata trattament preferenzjali, jew għal perjodu ta' żmien itwal skont kif tispeċifika dik il-Parti.

4. Kull Parti għandha tippermetti, skont il-liġijiet ta' dik il-Parti, lill-importaturi, esportaturi u produtturi f'dak it-territorju jżommu dokumentazzjoni jew reġistrazzjonijiet fi kwalunkwe mezz, sakemm id-dokumentazzjoni jew reġistrazzjonijiet ikunu jistgħu jinstabu u jiġu stampati.

5. Parti tista' tiċħad trattament tariffarju preferenzjali għal prodott li jkun is-suġġett ta' verifika tal-oriġini meta l-importatur, l-esportatur jew il-produttur tal-prodott li jkun obbligat iżomm reġistrazzjonijiet jew dokumentazzjoni skont dan l-Artikolu:

   (a) jonqos milli jżomm reġistrazzjonijiet jew dokumentazzjoni rilevanti għad-determinazzjoni tal-oriġini tal-prodott b'konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll; jew

   (b) jiċħad l-aċċess għal dawk ir-reġistrazzjonijiet jew dokumentazzjoni.

Artikolu 27

Diskrepanzi u żbalji formali

1. Is-sejba ta' diskrepanzi żgħar bejn l-istqarrijiet magħmula fid-dikjarazzjoni tal-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti ppreżentati lill-awtoritajiet doganali biex jitwettqu l-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti, ma għandhiex, minħabba dak il-fatt, tannulla d-dikjarazzjoni tal-oriġini jekk ikun stabbilit li dan id-dokument jikkorrispondi għall-prodotti sottomessi.

2. Żbalji formali ovvji, bħalma huma żbalji tat-tipa fuq dikjarazzjoni tal-oriġini, ma għandhomx iwasslu biex dan id-dokument jiġi miċħud jekk dawn l-iżbalji ma jkunux joħolqu dubji dwar il-korrettezza tal-istqarrijiet magħmula f'dak id-dokument.

Artikolu 28

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-amministrazzjoni u l-interpretazzjoni uniformi ta' dan il-Protokoll u, permezz tal-awtoritajiet doganali, jassistu 'l xulxin fil-verifika tal-istatus oriġinarju tal-prodotti li dikjarazzjoni tal-oriġini tkun ibbażata fuqha.

2. Għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-verifiki jew l-assistenza msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, l-indirizzi tal-awtoritajiet doganali responsabbli.

3. Huwa mifhum li l-awtorità doganali tal-Parti tal-esportazzjoni tassumi l-ispejjeż kollha għat-twettiq tal-paragrafu 1.

4. Huwa mifhum ukoll li l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet se jiddiskutu l-operazzjoni u l-amministrazzjoni kumplessivi tal-proċess ta' verifika, inkluż it-tbassir tal-ammont tax-xogħol u l-prijoritajiet. Jekk ikun hemm żieda inużwali fl-għadd ta' talbiet, l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet jikkonsultaw lil xulxin biex jistabbilixxu l-prijoritajiet u jqisu l-passi għall-ġestjoni tal-ammont ta' xogħol, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti operazzjonali.

5. Fir-rigward ta' prodotti meqjusa bħala oriġinarji skont l-Artikolu 3, il-Partijiet jistgħu jikkooperaw ma' pajjiż terz biex jiżviluppa proċeduri doganali bbażati fuq il-prinċipji ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 29

Verifika tal-oriġini

1. Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni kif xieraq ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali tagħhom, biex jivverifikaw jekk il-prodotti humiex oriġinarji u jiżguraw il-preċiżjoni tat-talbiet għal trattament tariffarju preferenzjali.

2. Talba ta' Parti għal verifika tal-oriġini li tikkonċerna jekk prodott ikunx oriġinarju jew jekk ir-rekwiżiti l-oħra kollha ta' dan il-Protokoll humiex issodisfati għandha tkun:

   (a) ibbażata fuq metodi tal-valutazzjoni tar-riskju applikati mill-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni, li jisgħu jinkludu għażla aleatorja; jew

   (b) issir meta l-Parti tal-importazzjoni jkollha dubji raġonevoli dwar jekk il-prodott hux oriġinarju jew jekk ir-rekwiżiti l-oħra kollha ta' dan il-Protokoll humiex issodisfati.

3. L-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni tista' tivverifika jekk prodott hux oriġinarju billi titlob, bil-miktub, li l-awtorità doganali tal-Parti tal-esportazzjoni tagħmel verifika li tikkonċerna jekk prodott hux oriġinarju. Meta titlob verifika, l-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni għandha tipprovdi lill-awtorità doganali tal-Parti tal-esportazzjoni:

(a) l-identità tal-awtorità doganali li qiegħda toħroġ it-talba;

(b) isem l-esportatur jew il-produttur li jrid jiġi vverifikat;

(c) is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tal-verifika; u

(d) kopja tad-dikjarazzjoni tal-oriġini u, meta applikabbli, kull dokumentazzjoni rilevanti oħra.

4. Meta jkun xieraq, l-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni tista' titlob, skont il-paragrafu 3, dokumentazzjoni u informazzjoni speċifika mingħand l-awtorità doganali tal-Parti tal-esportazzjoni.

5. Talba magħmula mill-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni skont il-paragrafu 3 għandha ssir lill-awtorità doganali tal-Parti tal-esportazzjoni bil-posta ċċertifikata jew irreġistrata jew bi kwalunkwe metodu ieħor li jipproduċi konferma tal-wasla għand dik l-awtorità doganali.

6. L-awtorità doganali tal-Parti tal-esportazzjoni għandha tipproċedi bil-verifika tal-oriġini. Għal din il-fini, l-awtorità doganali tista', b'konformità mal-liġijiet tagħha, titlob dokumentazzjoni, titlob kwalunkwe evidenza, jew iżżur l-istabbilimenti ta' esportatur jew produttur għar-reviżjoni tar-reġistri msemmija fl-Artikolu 25 u tosserva l-faċilitajiet użati fil-produzzjoni tal-prodott.

7. Jekk esportatur ikun ibbaża dikjarazzjoni tal-oriġini fuq stqarrija bil-miktub mill-produttur jew il-fornitur, l-esportatur jista' jagħmel mod biex il-produttur jew il-fornitur jipprovdu dokumentazzjoni jew informazzjoni direttament lill-awtorità doganali tal-Parti tal-esportazzjoni wara talba minn dik il-Parti.

8. L-awtorità doganali tal-Parti tal-esportazzjoni għandha, malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien 12-il xahar minn meta tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 4, tlesti verifika ta' jekk il-prodott ikunx oriġinarju u jkunx jissodisfa r-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Protokoll, u għandha:

(a) tipprovdi lill-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni, permezz ta' posta ċċertifikata jew irreġistrata jew bi kwalunkwe metodu ieħor li jipproduċi konferma tal-wasla għand dik l-aworità doganali, rapport bil-miktub sabiex tiddetermina jekk il-prodott hux oriġinarju jew le, u li jkun fih:

(i) ir-riżultati tal-verifika;

(ii) id-deskrizzjoni tal-prodott suġġett għall-verifika u l-klassifikazzjoni tariffarja rilevanti għall-applikazzjoni tar-regola tal-oriġini;

(iii) deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-produzzjoni li tkun suffiċjenti biex issostni r-raġuni li tikkonċerna l-istatus oriġinarju tal-prodott;

(iv) informazzjoni dwar il-mod kif saret il-verifika; u

(v) meta jkun xieraq, dokument ta' sostenn; u

(b) suġġetta għal-liġijiet tagħha, tgħarraf lill-esportatur bid-deċiżjoni tagħha li tikkonċerna jekk il-prodott hux oriġinarju.

9. Il-perjodu ta’ żmien imsemmi fil-paragrafu 8 jista’ jiġi estiż bil-kunsens reċiproku tal-awtoritajiet doganali kkonċernati.

10. Sakemm joħorġu r-riżultati ta' verifika tal-oriġini li tkun saret skont il-paragrafu 8, jew il-konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 13, l-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni, suġġetta għal kwalunkwe miżura kawtelatorja li tqis li tkun neċessarja, għandha toffri li tirrilaxxa l-prodott lill-importatur.

11. Jekk ir-riżultat ta' verifika tal-oriġini ma tkunx ġiet ipprovduta skont il-paragrafu 8, l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi tista' tiċħad trattament tariffarju preferenzjali lil prodott jekk ikollha dubju raġonevoli jew meta ma tkunx tista' tiddetermina jekk il-prodott ikunx oriġinarju.

12. Jekk ikun hemm differenzi fir-rigward tal-proċeduri ta' verifika ta' dan l-Artikolu jew fl-interpretazzjoni tar-regoli tal-oriġini fid-determinazzjoni ta' jekk prodott jikkwalifikax bħala oriġinarju, u dawn id-differenzi ma jistgħux jiġu solvuti permezz ta' konsultazzjonijiet bejn l-awtorità doganali li titlob il-verifika u l-awtorità doganali responsabbli mit-twettiq tal-verifika, u jekk l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi ikun beħsiebha tagħmel determinazzjoni tal-oriġini li tkun inkonsistenti mar-rapport bil-miktub ipprovdut skont l-paragrafu 8(a) mill-awtorità doganali tal-Parti esportatriċi, il-Parti importatriċi għandha tinnotifika lill-Parti esportatriċi fi żmien 60 jum mill-wasla tar-rapport bil-miktub.

13. Wara talba minn kwalunkwe Parti, il-Partijiet għandhom iwettqu u jikkonkludu konsultazzjonijiet fi żmien 90 jum mid-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 12 biex jissolvew dawk id-differenzi. Il-perjodu taż-żmien għall-konklużjoni tal-konsultazzjonijiet jista' jiġi estiż skont il-każ b'kunsens reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet. L-awtorità doganali tal-Parti importatriċi tista' tagħmel id-determinazzjoni tal-oriġini wara l-konklużjoni ta' dawn il-konsultazzjonijiet. Il-Partijiet jistgħu jippruvaw ukoll isolvu dawk id-differenzi fil-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali msemmi fl-Artikolu 34.

14. Fil-każijiet kollha, is-soluzzjoni għad-differenzi bejn l-importatur u l-awtorità doganali tal-Parti tal-importazzjoni għandha tkun skont il-liġi tal-Parti tal-importazzjoni.

15. Dan il-Protokoll ma jipprevjenix lil awtorità doganali ta' Parti milli toħroġ determinazzjoni tal-oriġini jew deċiżjoni bil-quddiem relatata ma' kwalunkwe kwistjoni li tkun qed tiġi kkunsidrata mill-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali jew mill-Kumitat dwar il-Kummerċ fl-Oġġetti stabbiliti mill-Artikolu 26.2(a) (Kumitati Speċjalizzati) jew milli tieħu kwalunkwe azzjoni oħra li tqis li tkun meħtieġa, sakemm tinstab soluzzjoni dwar il-kwistjoni skont dan il-Ftehim.

Artikolu 30

Rieżami u appell

1. Kull Parti għandha tagħti sostanzjalment l-istess drittijiet ta' rieżami u appell ta' determinazzjonijiet tal-oriġini u ta' deċiżjonijiet bil-quddiem maħruġa mill-awtorità doganali tagħha bħalma tagħti lill-importaturi fit-territorju tagħha, lil kull persuna li:

   (a) ikun irċieva determinazzjoni tal-oriġini fl-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll; jew

   (b) ikun irċieva deċiżjoni bil-quddiem skont l-Artikolu 33.1.

2. Minbarra l-Artikoli 27.3 (Proċedimenti amministrattivi) u 27.4 (Rieżami u appell), kull Parti għandha tistipula li d-drittijiet ta' rieżami u appell imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu aċċess għal tal-anqas żewġ livelli ta' appell jew rieżami inkluż tal-inqas livell wieħed ġudizzjarju jew kważi ġudizzjarju.

Artikolu 31

Pieni

Kull Parti għandha żżomm miżuri li jimponu pieni kriminali, ċivili jew amministrattivi għall-vjolazzjonijiet tal-liġijiet tagħha relatati ma' dan il-Protokoll.

Artikolu 32

Kunfidenzjalità

1. Dan il-Protokoll ma jirrikjedix li Parti tforni jew tippermetti aċċess għal informazzjoni tan-negozju jew għal informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli, li l-iżvelar tagħha timpedixxi l-eżekuzzjoni tal-liġi jew ikun kontra l-liġi ta' dik il-Parti li tipproteġi l-informazzjoni tan-negozju u d-dejta u l-privatezza personali.

2. Kull Parti għandha żżomm, b'konformità mal-liġi tagħha, il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miġbura skont dan il-Protokoll u għandha tipproteġi dik l-informazzjoni mill-iżvelar li jista' jippreġudika l-pożizzjoni kompettitiva tal-persuna li tipprovdi l-informazzjoni. Jekk il-Parti li tirċievi jew tikseb l-informazzjoni tkun meħtieġa mil-liġijiet tagħha tiżvela l-informazzjoni, dik il-Parti għandha tinnotifika lill-persuna jew il-Parti li tkun ipprovdiet dik l-informazzjoni.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-informazzjoni kunfidenzjali miġbura skont dan il-Protokoll ma għandux jintuża għal finijiet li mhumiex l-amministrazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' determinazzjoni tal-oriġini u ta' kwistjonijiet doganali, ħlief bil-permess tal-persuna jew Parti li tkun ipprovdiet l-informazzjoni kunfidenzjali.

4. Minkejja l-paragrafu 3, Parti tista' tippermetti informazzjoni miġbura skont dan il-Protokoll biex jintuża fi kwalunkwe proċedimenti amministrattivi, ġudizzjarji, jew kważi ġudizzjarji istitwiti għal nuqqas ta' konformità mal-liġijiet relatati mad-dwana li jimplimentaw dan il-Protokoll. Parti għandha tinnotifika lill-persuna jew Parti li tkun ipprovdiet l-informazzjoni qabel ma tintuża.

5. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-liġi rispettiva tagħhom li tikkonċerna l-protezzjoni tad-dejta għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-operazzjoni u l-applikazzjoni tal-paragrafu 2.

Artikolu 33

Deċiżjonijiet bil-quddiem relatati mal-oriġini

1. Kull Parti għandha, permezz tal-awtorità doganali tagħha, tistipula għall-ħruġ malajr ta' deċiżjonijiet bil-quddiem bil-miktub skont il-liġi tagħha, qabel l-importazzjoni ta' prodott fit-territorju tagħha, li jikkonċernaw jekk il-prodott jikkwalifikax bħala prodott oriġinarju skont dan il-Protokoll.

2. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet bil-quddiem, inkluża deskrizzjoni dettaljata tal-informazzjoni raġonevolment meħtieġa biex tiġi pproċessata applikazzjoni għal deċiżjoni.

3. Kull Parti għandha tistipula li l-awtorità doganali tagħha:

   (a) tista', fi kwalunkwe mument tul valutazzjoni ta' applikazzjoni għal deċiżjoni bil-quddiem, titlob informazzjoni supplimentari mill-persuna li titlob id-deċiżjoni;

   (b) toħroġ id-deċiżjoni fi żmien 120 jum mid-data ta' meta tkun kisbet l-informazzjoni neċessarja kollha mingħand il-persuna li tkun qed titlob id-deċiżjoni bil-quddiem; u

   (c) tipprovdi, lill-persuna li titlob id-deċiżjoni bil-quddiem, spjegazzjoni kompluta tar-raġunijiet għad-deċiżjoni.

4. Meta applikazzjoni għal deċiżjoni bil-quddiem tinvolvi kwistjoni li tkun is-suġġett ta':

   (a) verifika tal-oriġini;

   (b) rieżami minn awtorità doganali jew appell lilha; jew

   (c) rieżami ġudizzjarju jew kważi ġudizzjarju fit-territorju tal-awtorità doganali;

   l-awtorità doganali, b'konformità mal-liġijiet tagħha, tista' tiċħad jew tipposponi l-ħruġ tad-deċiżjoni.

5. Suġġett għall-paragrafu 7, kull Parti għandha tapplika deċiżjoni bil-quddiem għall-importazzjonijiet fit-territorju tagħha tal-prodott li d-deċiżjoni tkun intalbet għaliha fid-data tal-ħruġ tagħha jew f'data iktar 'il quddiem jekk ikun speċifikat fid-deċiżjoni.

6. Kull Parti għandha tipprovdi, lil kull persuna li titlob deċiżjoni bil-quddiem, l-istess trattament kif tkun ipprovdiet lil kwalunkwe persuna oħra li tkun ħarġitilha deċiżjoni bil-quddiem, sakemm il-fatti u ċ-ċirkostanzi jkunu identiċi fil-punti materjali kollha.

7. Il-Parti li toħroġ deċiżjoni bil-quddiem tista' timmodifika jew tirrevoka deċiżjoni bil-quddiem:

(a) jekk id-deċiżjoni tkun ibbażata fuq żball ta' fatt;

(b) jekk ikun hemm żball tal-fatti jew iċ-ċirkostanzi materjali li d-deċiżjoni hija bbażta fuqhom;

(c) biex tiġi konformi ma' emenda għall-Kapitolu Tnejn (Trattament Nazzjonali u Aċċess tal-Oġġetti għas-Suq), jew għal dan il-Protokoll; jew

(d) biex tiġi konformii ma' deċiżjoni ġudizzjarja jew bidla fil-liġi tagħha.

8. Kull Parti għandha tipprovdi li modifika jew revoka ta' deċiżjoni bil-quddiem tkun effettiva fid-data li fiha tinħareġ l-modifika jew ir-revoka, jew f'data iktar 'il quddiem jekk ikun speċifikat fid-deċiżjoni, u ma għandux jiġi applikat għall-importazzjonijiet ta' prodott li jkunu seħħu qabel dik id-data, sakemm il-persuna li jkun inħarġitilha deċiżjoni bil-quddiem ma tkunx aġixxiet skont it-termini u l-kundizzjonijiet tagħha.

9. Minkejja l-paragrafu 8, il-Parti li toħroġ id-deċiżjoni bil-quddiem, b'konformità mal-liġi tagħha, tipposponi d-data effettiva ta' modifika jew revoka għal mhux iktar minn sitt xhur.

10. Suġġett għall-paragrafu 7, kull Parti għandha tipprovdi li deċiżjoni bil-quddiem tibqa' fis-seħħ u tkun onorata.

Artikolu 34

Kumitat

Il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali ("KKKD"), mogħti l-awtorità li jaġixxi taħt l-awspiċi tal-Kumitat Konġunt tas-CETA bħala kumitat speċjalizzat skont l-Artikolu 26.2.1 (Kumitati Speċjalizzati) jista' jirrevedi dan il-Protokoll u jirrakkomanda emendi għad-dispożizzjonijiet tiegħu lill-Kumitat Konġunt tas-CETA. Il-KKKD għandu jagħmel ħiltu biex jiddeċiedi dwar:

(a) l-amministrazzjoni uniformi tar-regoli tal-oriġini, inklużi l-klassifikazzjoni tariffarja u kwistjonijiet ta' valutazzjoni relatati ma' dan il-Protokoll;

(b) kwistjonijiet tekniċi, interpretattivi, jew amministrattivi relatati ma' dan il-Protokoll; jew

(c) il-prijoritajiet relatati mal-verifiki tal-oriġini u kwistjonijiet oħrajn li jiġu mill-verifiki tal-oriġini.

ANNESS 1

TOLLERANZA GĦALL-PRODOTTI TESSILI U TAL-ĦWEJJEĠ

1. Għall-fini ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   fibri naturali tfisser fibri ħlief fibri artifiċjali jew sintetiċi li ma kinux mibrumin. Fibri naturali jinkludu skart u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, jinkludu fibri li jkunu ġew imqardxa, mimxuta jew ipproċessati b'xi mod ieħor, iżda mhux mibruma. Fibri naturali jinkludu krin tal-intestatura 05.11, il-ħarir tal-intestaturi 50.02 sa 50.03, fibri tas-suf u xagħar tal-annimali fin jew aħrax tal-intestaturi 51.01 sa 51.05, fibri tal-qoton tal-intestaturi 52.01 sa 52.03, u fibri veġetali oħra tal-intestaturi 53.01 sa 53.05;

   polpa tat-tessut, materjali kimiċi u materjali li minnhom issir l-karta tfisser materjali, mhux ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw biex jiffabbrikaw fibri jew ħjut artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta; u

   fibri bażiċi magħmula mill-bniedem tfisser filament tow sintetiku jew artifiċjali, fibri bażiċi jew skart, tal-intestatura 55.01 sa 55.07.

2. Għal ċertezza ikbar, materjali mhux oriġinarji tal-Kapitolu 1 sa 49 jew 64 sa 97, inklużi materjali li fihom tessuti, jistgħu jitwarrbu għall-fini tad-determinazzjoni ta' jekk il-materjali mhux oriġinarji kollha użati fil-produzzjoni ta' prodott tal-Kapitoli 50 sa 63 jissodisfawx ir-regola tal-oriġini applikabbli stabbilita fl-Anness 5.

3. Suġġett għall-paragrafu 7, jekk il-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' prodott tal-Kapitolu 50 sa 63 ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 5, il-prodott jibqa' prodott oriġinarju sakemm:

   (a) il-prodott jiġi prodott bl-użu ta' żewġ materjali ta' tessut bażiku jew iktar elenkati fit-Tabella 1;

(b) il-piż nett tal-materjali ta' tessut bażiku elenkati fit-Tabella 1 ma jaqbiżx l-10 fil-mija tal-piż nett tal-prodott; u

(c) il-prodott jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli l-oħra kollha ta' dan il-Protokoll.

4. Suġġett għall-paragrafu 7, fil-każ ta' prodott tal-Kapitolu 50 sa 63 prodott bl-użu ta' materjal ta' tessut bażiku wieħed jew iktar elenkati fit-Tabella 1, u ħjut mhux oriġinarji magħmula minn poliuretan issegmentat b'segmenti flessibbli ta' polieteru, il-prodott xorta jkun prodott oriġinarju sakemm:

(a) il-piż tal-ħjut mhux oriġinarji magħmula minn poliuretan issegmentat b'segmenti flessibbli ta' polieteru ma jaqbiżx l-20 fil-mija tal-piż tal-prodott; u

(b) il-prodott jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli l-oħra kollha ta' dan il-Protokoll.

5. Suġġett għall-paragrafu 7, fil-każ ta' prodott tal-Kapitolu 50 sa 63 prodott bl-użu ta' materjali ta' tessut bażiku wieħed jew iktar elenkati fit-Tabella 1 u strippa mhux oriġinarja li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew ta' qalba ta' rita tal-plastik, kemm jekk miksijin bi trab tal-aluminju jew le, wisgħin mhux iktar minn 5 mm, marsusin madwar adeżiv trasparenti jew ikkulurit bejn żewġ saffi ta' rita tal-plastik", il-prodott ikun xorta prodott oriġinarju sakemm:

(a) il-piż tal-istrippa mhux oriġinarja li tikkonsisti minn qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' rita tal-plastik kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju jew le, wiesgħa mhux aktar minn 5 mm, marsusa permezz ta' adeżiv trasparenti jew ikkulurit bejn żewġ saffi ta' rita tal-plastik ma jkunx jaqbeż it-30 fil-mija tal-piż tal-prodott; u

(b) il-prodott jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli l-oħra kollha ta' dan il-Protokoll.

6. Suġġett għall-paragrafu 7, jekk il-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' prodott tal-Kapitolu 61 sa 63 ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 5, il-prodott jibqa' prodott oriġinarju sakemm:

(a) il-materjali mhux oriġinarji jkunu ikklassifikati f'intestatura li mhix dik tal-prodott;

(b) il-valur tal-materjali mhux oriġinarji ma jaqbiżx it-8 fil-mija tal-valur tat-tranżazzjoni jew tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott; u

(c) il-prodott jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli l-oħra kollha ta' dan il-Protokoll.

Dan il-paragrafu ma japplikax għal materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' żilġiet jew inforri ta' prodott tal-Kapitoli 61 sa 63.

7. It-tolleranza stipulata fil-paragrafi 2 sa 6 ma tapplikax għal materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' prodott jekk dawk il-materjali jkunu suġġetti għal regola tal-oriġini li tinkludi perċentwali għall-valur jew piż massimu tagħhom.

Tabella 1 – Materjali tat-tessut bażiku

1.	ħarir
2.	suf
3.	xagħar aħrax tal-annimali
4.	xagħar fin tal-annimali
5.	krin
6.	qoton
7.	materjali li minnhom isiru l-karti u karta
8.	kittien

9. qanneb ġenwin

10. ġuta jew fibri tessili tat-tilju oħrajn

11. sisa u fibri tessili oħrajn tal-ġenus Agave

12. ġewż tal-Indi, manilla, rami u fibri tessili veġetali oħrajn

13. filamenti sintetiċi magħmulin mill-bniedem

14. filamenti artifiċjali magħmulin mill-bniedem

15. filamenti li jgħaddi l-kurrent minnhom

16. fibri prinċipali sintetiċi tal-polipropilen magħmulin mill-bniedem

17. fibri prinċipali sintetiċi tal-poliester magħmulin mill-bniedem

18. fibri prinċipali sintetiċi tal-poliamid magħmulin mill-bniedem

19. fibri prinċipali sintetiċi tal-poliakrilonitril magħmulin mill-bniedem

20. fibri prinċipali sintetiċi tal-poliimid magħmulin mill-bniedem

21. fibri prinċipali sintetiċi tal-politetrafluworoetilen magħmulin mill-bniedem

22. fibri prinċipali sintetiċi tal-poli(fenilen sulfur) magħmulin mill-bniedem

23. fibri prinċipali sintetiċi tal-poli(klorur tal-vinil) magħmulin mill-bniedem

24.	fibri prinċipali sintetiċi magħmulin mill-bniedem oħrajn
25.	fibri prinċipali artifiċjali tal-visk magħmulin mill-bniedem
26.	fibri prinċipali artifiċjali magħmulin mill-bniedem oħrajn
27.	ħjut magħmulin minn poliuretan segmentat b'segmenti flessibbli tal-polieteru, sew jekk mibruma u sew jekk le
28.	ħjut magħmulin minn poliuretan segmentat b’segmenti flessibbli tal-poliester, sew jekk mibruma u sew jekk le
29.	materjal tal-intestatura 56.05 (ħjut metallizzati) li jinkorporaw strippa li tikkonsisti f’qalba ta’ fojl tal-aluminju jew qalba ta’ tertuqa tal-plastik sew jekk miksija bit-trab tal-aluminju u sew jekk le, wiesgħa mhux aktar minn 5 mm, marsusa permezz ta’ adeżiv trasparenti jew ikkulurit bejn żewġ saffi ta’ tertuqa tal-plastik
30.	kwalunkwe materjal ieħor tal-intestatura 56.05

ANNESS 2

TEST TAD-DIKJARAZZJONI TAL-ORIĠINI

Id-dikjarazzjoni tal-oriġini, li t-test tagħha jidher hawn taħt, trid timtela skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

(Perjodu: minn_____ sa _____[1])

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni tad-dwana nru. …[2]) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod ċar li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali …[3].

…….....[4]

(Il-post u d-data)

..…….....[5]

(Il-Firma u l-isem stampat tal-esportatur)

_____

([1]) Meta d-dikjarazzjoni tal-oriġini timtela għal konsenji multipli ta' prodotti oriġinarji identiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 19.5, indika l-perjodu taż-żmien li d-dikjarazzjoni tal-oriġini tapplika għalih. Il-perjodu taż-żmien ma jridx jaqbeż it-12-il xahar. L-importazzjonijiet kollha tal-prodott iridu jseħħu fil-perjodu indikat. Meta perjodu taż-żmien ma jkunx applikabbli, il-kaxxa tista' titħalla vojta.

([2]) Għall-esportaturi tal-UE: Meta d-dikjarazzjoni tal-oriġini timtela minn esportatur approvat jew irreġistrat, l-awtorizzazzjoni doganali tal-esportatur jew in-numru ta' reġistrazzjoni jridu jiġu inklużi. Numru tal-awtorizzazzjoni doganali jkun meħtieġ biss jekk l-esportatur ikun esportatur approvat. Meta d-dikjarazzjoni tal-oriġini ma timteliex minn esportatur approvat jew irreġistrat, il-kliem bejn il-parenteżi jrid jitħalla barra jew l-ispazju jitħalla vojt.
Għall-esportaturi Kanadiżi: In-Numru tan-Negozju tal-esportatur assenjat mill-Gvern tal-Kanada jrid ikun inkluż. Meta l-esportatur ma jkunx ġie assenjat numru tan-negozju, il-kaxxa tista' titħalla vojta.

([3]) "Il-Kanada/l-UE" tfisser prodotti li jikkwalifikaw bħala oriġinarji skont ir-regoli tal-oriġini tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea. Meta d-dikjarazzjoni tal-oriġini tkun relatata, kompletament jew parzjalment, ma' prodotti oriġinarji f'Ceuta u Melilla, l-esportatur irid jindika b'mod ċar is-simbolu "CM".

([4]) Dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tinsab fid-dokument innifsu.

([5]) L-Artikolu 19.3 jipprevedi eċċezzjoni għar-rekwiżit tal-firma tal-esportatur. Meta l-esportatur ma jkunx meħtieġ jiffirma, l-eżenzjoni mill-firma timplika wkoll l-eżenzjoni tal-isem tal-firmatarju.

Verżjoni bil-Bulgaru

(Период: от _____до_____[1])

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (митническо разрешение № … [2]), декларира, че освен когато е отбелязано друго, тези продукти са с/със … преференциален произход [3].

Verżjoni bl-Ispanjol

(Período comprendido entre el _____y el_____[1])

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera nº …[2]) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial. …[3].

Verżjoni biċ-Ċek

(Období: od _____do_____[1])

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení …[2]) prohlašuje, že kromě zřetelně označených, mají tyto výrobky preferenční původ v …[3]..

Verżjoni bid-Daniż

(Periode: fra _____til_____[1])

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes tilladelse nr. ...[2]), erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i ...[3].

Verżjoni bil-Ġermaniż

(Zeitraum: von _____ bis _____[1])

Der Ausführer (ermächtigter Ausführer; Bewilligungs-Nr. ...[2]) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nicht anderes angegeben, präferenzbegünstigte ...[3] Ursprungswaren sind.

Verżjoni bl-Estonjan

(Ajavahemik: alates _____ kuni _____[1])

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolliameti kinnitus nr. ...[2]) deklareerib, et need tooted on ...[3] sooduspäritoluga, välja arvatud juhul, kui on selgelt näidatud teisiti.

Verżjoni bil-Grieg

(Περίοδος: από _____έως_____[1])

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου υπ' αριθ. ...[2]) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής ...[3].

Verżjoni bl-Ingliż

(Period: from _____to_____[1])

The exporter of the products covered by this document (customs authorisation No…[2]) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of …[3] preferential origin.

Verżjoni bil-Franċiż

(Période: du _____au_____[1])

L'exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière n° ...[2]) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle ... [3]).

Verżjoni bil-Kroat

(Razdoblje: od _____do_____[1])

Izvoznik proizvoda obuhvaćenih ovom ispravom (carinsko ovlaštenje br. ... [2]) izjavljuje da su, osim ako je drukčije izričito navedeno, ovi proizvodi ... [3] preferencijalnog podrijetla.

Verżjoni bit-Taljan

(Periodo: dal _____al_____[1])

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale n. ...[2]) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale ...[3].

Verżjoni bil-Latvjan

(Laikposms: no _____līdz_____[1])

Šajā dokumentā (muitas atļauja Nr. …[2]) norādīto produktu eksportētājs deklarē, ka šiem produktiem ir …[3] preferenciāla izcelsme, ja vien nav skaidri minēts citādi.

Verżjoni bil-Litwan

(Laikotarpis: nuo _____iki_____[1])

Šiame dokumente išvardintų prekių eksportuotojas (muitinės liudijimo Nr. …[2]) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra …[3] preferencinės kilmės prekės..

Verżjoni bl-Ungeriż

(Időszak: _____-tól_____-ig[1])

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vámfelhatalmazási szám: …[2]) kijelentem, hogy eltérő egyértelmű jelzés hiányában az áruk preferenciális …[3] származásúak.

Verżjoni bil-Malti

(Perjodu: minn _____sa _____[1])

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni tad-dwana nru. …[2]) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod ċar li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali …[3].

Verżjoni bl-Olandiż

(Periode: van _____ tot en met _____[1])

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning nr. ...[2]), verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële oorsprong zijn uit ...[3].

Verżjoni bil-Pollakk

(Okres: od _____do_____[1])

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych nr …[2]) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają …[3] preferencyjne pochodzenie.

Verżjoni bil-Portugiż

(Período: de _____a_____[1])

O abaixo assinado, exportador dos produtos cobertos pelo presente documento (autorização aduaneira n.º ...[2]), declara que, salvo expressamente indicado em contrário, estes produtos são de origem preferencial ...[3].

Verżjoni bir-Rumen

(Perioada: de la _____până la_____[1])

Exportatorul produselor care fac obiectul prezentului document (autorizația vamală nr. …[2]) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențială …[3].

Verżjoni bis-Sloven

(Obdobje: od _____do_____[1])

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom (pooblastilo carinskih organov št …[2]), izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago …[3] preferencialno poreklo.

Verżjoni bis-Slovakk

(Obdobie: od _____do_____[1])

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo colného povolenia …[2]) vyhlasuje, že pokiaľ nie je jasne uvedené inak, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v …[3].

Verżjoni bil-Finlandiż

(_____ ja _____välinen aika[1])

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin lupa n:o ...[2]) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja ... alkuperätuotteita [3].

Verżjoni bl-Iżvediż

(Period: från _____till_____[1])

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd nr ...[2]) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande ursprung i ...[3].

_____

ANNESS 3

L-ISTQARRIJA TAL-FORNITUR GĦAL MATERJALI MHUX ORIĠINARJI UŻATI FIL-PRODUZZJONI TA' PRODOTTI MHUX ORIĠINARJI

Stqarrija:

Jiena, li ffirmajt hawn taħt, fornitur tal-prodotti koperti mid-dokument anness, niddikjara li:

(a) Il-materjali li ġejjin li ma joriġinawx fl-Unjoni Ewropea/fil-Kanada[1] ntużaw fl-Unjoni Ewropea/fil-Kanada biex jipproduċu l-prodotti mhux oriġinarji fornuti li ġejjin.

(b) Kull materjal ieħor użat fl-Unjoni Ewropea/fil-Kanada biex jiġu prodotti dawn il-prodotti joriġina hemmhekk.

1	2	3	4	5	6
Deskrizzjoni tal-prodott(i) mhux oriġinarji fornuti	Klassifikazzjoni tariffarja tas-SA tal-prodott(i) mhux oriġinarji fornuti	Valur tal-prodott(i) mhux oriġinarji fornuti[2]	Deskrizzjoni tal-materjal(i) mhux oriġinarji użati	Klassifikazzjoni tariffarja tas-SA tal-materjal(i) mhux oriġinarji użati	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati[2]
		Total:			Total:

Nimpenja ruħi li nipprovdi kull dokument ta' prova ulterjuri meħtieġ.

……
(Il-Post u d-Data)

……
(L-isem u l-kariga, l-isem u l-indirizz tal-kumpanija)

……

(Firma)

_____

([1]) Aqta' l-Parti mhux applikabbli, skont il-każ.
([2]) Għal kull prodott mhux oriġinarju fornut u materjal mhux oriġinarju użat, speċifika l-valur għal kull unità tal-prodotti u materjali deskritti fil-kolonni 3 u 6 rispettivament.

_____

ANNESS 4

KWISTJONIJIET APPLIKABBLI GĦAL CEUTA U MELILLA

1. Għall-fini ta' dan il-Protokoll, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, it-terminu "Parti" ma tinkludix Ceuta u Melilla.

2. Il-prodotti li joriġinaw mill-Korea, meta jiġu importati f'Ceuta u Melilla, għandhom, f'kull aspett, ikunu suġġetti għall-istess sistema doganali, inkluż trattament tariffarju preferenzjali, bħal dik li tapplika għall-prodotti oriġinarji mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea skont il-*Protokoll 2 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża mal-Komunitajiet Ewropej*. Il-Kanada għandha tapplika fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti koperti minn dan il-Ftehim u li joriġinaw minn Ceuta u Melilla l-istess sistema doganali, inkluż trattament tariffarju preferenzjali, bħal dik li tapplika għall-prodotti importati u oriġinarji mill-Unjoni Ewropea.

3. Ir-regoli tal-oriġini applikabbli għall-Kanada skont dan il-Protokoll għandhom japplikaw għad-determinazzjoni tal-oriġini tal-prodotti esportati mill-Kanada lejn Ceuta u Melilla. Ir-regoli tal-oriġini applikabbli għall-Unjoni Ewropea skont dan il-Protokoll għandhom japplikaw għad-determinazzjoni tal-oriġini tal-prodotti esportati minn Ceuta u Melilla lejn il-Kanada.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll rigward il-ħruġ, l-użu u l-verifika sussegwenti tal-oriġini għandhom japplikaw għall-prodotti esportatati mill-Kanada lejn Ceuta u Melilla u għall-prodotti esportati minn Ceuta u Melilla lejn il-Kanada.

5. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kumulu tal-oriġini ta' dan il-Protokoll għandu japplika għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti bejn l-Unjoni Ewropea, il-Kanada u Ceuta u Melilla.

6. Għall-finijiet imsemmija fil-paragrafi 2, 3, 4 u 5, Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

7. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan l-Anness f'Ceuta u Melilla.

ANNESS 5

REGOLI TAL-ORIĠINI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT

Noti ta' Introduzzjoni għall-Anness 5

1. Dan l-Anness jistabbilixxi l-kondizzjonijiet meħtieġa biex prodott jitqies bħala oriġinarju skont it-tifsira tal-Artikolu 5 (Produzzjoni Suffiċjenti).

2. Japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   kapitolu tfisser kapitolu tas-Sistema Armonizzata;

   intestatura tfisser kwalunkwe numru b'erba' ċifri, jew l-ewwel erba' ċifri ta' kwalunkwe numru, użat fis-Sistema Armonizzata;

   taqsima tfisser taqsima tas-Sistema Armonizzata;

   subintestatura tfisser kwalunkwe numru b'sitt ċifri, jew l-ewwel sitt ċifri ta' kwalunkwe numru, użat fis-Sistema Armonizzata; u

   dispożizzjoni tariffarja tfisser kapitolu, intestatura, jew subintestatura tas-Sistema Armonizzata.

3. Ir-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott, jew is-sett ta' regoli tal-oriġini, li japplikaw għal prodott ikklassifikat f'intestatura, subintestatura, jew grupp ta' intestaturi jew subintestaturi partikolari huma stabbiliti eżatt maġenb dik l-intestatura, subintestatura, jew grupp ta' intestaturi jew subintestaturi.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, rekwiżit ta' bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja jew kwalunkwe kundizzjoni oħra stabbilita f'regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tapplika biss għal materjal mhux oriġinarju.

5. Noti ta' taqsima, kapitolu, intestatura, jew subintestatura, meta applikabbli, jinsabu fil-bidu ta' kull tasima, kapitolu, intestatura jew subintestatura ġdida. Dawn in-noti jridu jinqraw flimkien mar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott għat-taqsima, kapitolu, intestatura, jew intestatura u jistgħu jimponu kundizzjonijiet ulterjuri fuq ir-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott jew jipprovdu alternattiva għalihom.

6. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, referenza għall-piż fir-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott tfisser il-piż nett, li huwa l-piż ta' materjal jew prodott mingħajr ma jkun inkluż il-piż tal-imballaġġ, kif stabbilit fid-definizzjoni ta' "piż nett ta' materjal mhux oriġinarju" u "piż nett tal-prodott" fl-Artikolu 1 (Definizzjonijiet) ta' dan il-Protokoll.

7. Referenza għal zokkor mhux oriġinarju f'regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tfisser il-materjal mhux oriġinarju msemmi fl-Artikolu 16 (Zokkor) ta' dan il-Protokoll.

8. Jekk regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tkun teħtieġ:

   (a) bidla minn kwalunkwe kapitolu, intestatura, jew subintestatura oħra, jew bidla lill-prodott x[2] minn kwalunkwe kapitolu, intestatura jew subintestatura oħra, huwa biss materjal mhux oriġinarju kklassifikat f'kapitolu, intestatura jew subintestatura ħlief dak tal-prodott li jista' jintuża fil-produzzjoni tal-prodott;

   (b) bidla minn ġo intestatura jew subintestatura, jew minn ġo kwalunkwe waħda minn dawn l-intestaturi jew subintestaturi, materjal mhux oriġinarju kklassifikat fl-intestatura jew subintestatura jista' jintuża fil-produzzjoni tal-prodott, kif ukoll materjal mhux oriġinarju kklassifikat f'kapitolu, intestatura, jew subintestatura ħlief dik tal-prodott;

   (c) bidla minn kwalunkwe intestatura jew subintestatura barra minn grupp, huwa biss materjal mhux oriġinarju kklassifikat barra mill-grupp ta' intestaturi jew subintestaturi li jista' jintuża fil-produzzjoni tal-prodott;

   (d) li prodott ikun inkiseb kompletament, il-prodott irid ikun inkiseb kompletament skont it-tifsira tal-Artikolu 4 (Prodotti Miksuba Kompletament). Jekk konsenja tkun tikkonsisti f'għadd ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt id-dispożizzjoni tariffarja *x*, kull prodott għandu jitqies separatament;

   (e) produzzjoni fejn il-materjal kollu tad-dispożizzjoni tariffarja *x* użat ikun miksub kompletament, il-materjal kollu tad-dispożizzjoni tariffarja *x* użat fil-produzzjoni tal-prodott irid ikun nkiseb kompletament skont it-tifsira tal-Artikolu 4 (Prodotti Miksuba Kompletament);

[2] F'dawn in-noti, il-prodott *x* jew id-dispożizzjoni tariffarja *x* jirrappreżentaw prodott speċifiku jew dispożizzjoni tariffarja, u *x* fil-mija tirrappreżenta perċentwali speċifika.

(f) bidla mid-dispożizzjoni tariffarja *x*, sew jekk ikun hemm ukoll bidla minn kwalunkwe kapitolu, intestatura jew subintestatura u sew jekk le, il-valur ta' kwalunkwe materjal mhux oriġinarju li jissodisfa l-bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja speċifikata fil-fraži li tibda bil-kliem "sew jekk" ma titqiesx meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjali mhux oriġinarji. Jekk ikunu applikabbli żewġ regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott jew iktar għal intestatura jew subintestatura, jew grupp ta' intestaturi jew subintestaturi, il-bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja speċifikata f'din il-fraži tirrifletti l-bidla speċifikata fl-ewwel regola tal-oriġini;

(g) li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji tad-dispożizzjoni tariffarja x ma taqbiżx x fil-mija tal-valur tat-tranżazzjoni jew tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott, huwa biss il-valur tal-materjal mhux oriġinarju speċifikat f'din ir-regola tal-oriġini li jitqies fil-kalkolu tal-valur tal-materjali mhux oriġinarji. Il-perċentwal għall-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji kif stabbilit f'din ir-regola tal-oriġini ma jistax jinqabeż bl-użu tal-Artikolu 6 (Tolleranza);

(h) li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji kklassifikati fl-istess dispożizzjoni tariffarja bħal fil-prodott finali ma taqbiżx *x fil-mija* tal-valur tat-tranżazzjoni jew tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott, materjal mhux oriġinarju kklassifikat f'dispożizzjoni tariffarja ħlief dik tal-prodott tista' tintuża fil-produzzjoni tal-prodott. Huwa biss il-valur tal-materjali mhux oriġinarji kklassifikati fl-istess dispożizzjoni tariffarja bħall-prodott finali li jitqies fil-kalkolu tal-valur ta' materjali mhux oriġinarji. Il-perċentwal għall-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji kif stabbilit f'din ir-regola tal-oriġini ma jistax jinqabeż bl-użu tal-Artikolu 6 (Tolleranza);

(i) li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji kollha ma jaqbiżx *x* fil-mija tal-valur tat-tranżazzjoni jew tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott, il-valur tal-materjali mhux oriġinarji jitqiesu fil-kalkolu tal-valur tal-materjali mhux oriġinarji. Il-perċentwal għall-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji kif stabbilit f'din ir-regola tal-oriġini ma jistax jinqabeż bl-użu tal-Artikolu 6 (Tolleranza); u

(j) li l-piż nett ta' materjal mhux oriġinarju tad-dispożizzjoni tariffarja *x* użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx *x* fil-mija tal-piż nett tal-prodott, il-materjali mhux oriġinarji speċifikati jistgħu jintużaw fil-produzzjoni tal-prodott, sakemm ma jkunux jaqbżu l-perċentwal speċifikat tal-piż nett tal-prodott skont id-definizzjoni ta' "piż nett tal-prodott" fl-Artikolu 1. Il-perċentwal għall-piż massimu ta' materjal mhux oriġinarju kif stabbilit f'din ir-regola tal-oriġini ma jistax jinqabeż bl-użu tal-Artikolu 6 (Tolleranza).

9. Ir-regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tirrappreżenta l-ammont minimu ta' produzzjoni meħtieġa fuq materjal mhux oriġinarju għall-prodott riżultanti biex jikseb status oriġinarju. Ammont ikbar ta' produzzjoni minn dak meħtieġ mir-regola tal-oriġini speċifika għall-prodott għal dak il-prodott ukoll jikkonferixxi status oriġinarju.

10. Jekk regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tistipula li materjal mhux oriġinarju speċifikat ma jistax jintuża, jew li l-valur jew il-piż ta' materjal mhux oriġinarju ma jistax jaqbeż livell limitu speċifiku, dawn il-kundizzjonijiet ma japplikawx għall-materjal mhux oriġinarju kklassifikat banda oħra fis-Sistema Armonizzata.

11. B'konformità mal-Artikolu 5 (Produzzjoni Suffiċjenti), meta materjal jikseb status oriġinarju fit-territorju ta' Parti u dan il-materjal jintuża ulterjorment fil-produzzjoni ta' prodott li l-oriġini tiegħu tkun qed tiġi ddeterminata, ma jitqies l-ebda materjal mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni ta' dak il-materjal. Dan japplika sew jekk il-materjal ikun kiseb status oriġinarju fl-istess fabbrika fejn il-ġie ffabbrikat il-prodott u sew jekk le.

12. Ir-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott stabbiliti f'dan l-Anness japplikaw ukoll għall-prodotti użati.

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5
Taqsima I	**Annimali ħajjin; Prodotti mill-Annimali**
Kapitolu 1 01.01-01.06	**Annimali ħajjin** L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 huma miksuba kompletament.
Kapitolu 2 02.01-02.10	**Laħam u ġewwieni li jittiekel** Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 1 jew 2 ikun miksub kompletament.
Kapitolu 3 03.01-03.08	**Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn** ***Nota:*** *Prodotti tal-akkwakultura tal-Kapitolu 3 jitqiesu biss bħala oriġinarji f'Parti jekk ikunu trabbew f'territorju ta' dik il-Parti minn ħażna ta' żerriegħa mhux oriġinarji jew oriġinarji bħal bajd, żgħar tal-ħut, bajd imfaqqas u larva.* Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 3 jkun miksub kompletament.

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5
Kapitolu 4	**Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi banda oħra**
04.01	Bidla minn kwalunkwe kapitolu ieħor, ħlief minn preparati tal-ħalib tas-subintestatura 1901.90 li fihom iktar minn 10 fil-mija ta' piż niexef ta' solidi tal-ħalib, sakemm il-materjal użat kollu tal-Kapitolu 4 ikun miksub kompletament.
0402.10	Bidla minn kwalunkwe kapitolu ieħor, ħlief minn preparati tal-ħalib tas-subintestatura 1901.90 li fihom iktar minn 10 fil-mija ta' piż niexef ta' solidi tal-ħalib, sakemm: (a) il-materjal kollu tal-Kapitolu 4 użat ikun miksub kompletament, u (b) il-piż nett taz-zokkor mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx l-40 fil-mija tal-piż nett tal-prodott.
0402.21-0402.99	Bidla minn kwalunkwe kapitolu ieħor, ħlief minn preparati tal-ħalib tas-subintestatura 1901.90 li fihom iktar minn 10 fil-mija ta' piż niexef ta' solidi tal-ħalib, sakemm: (a) il-materjal kollu tal-Kapitolu 4 użat ikun miksub kompletament, u (b) il-piż nett taz-zokkor mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx l-20 fil-mija tal-piż nett tal-prodott.

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	**Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5**
04.03-04.06	Bidla minn kwalunkwe kapitolu ieħor, ħlief minn preparati tal-ħalib tas-subintestatura 1901.90 li fihom iktar minn 10 fil-mija ta' piż niexef ta' solidi tal-ħalib, sakemm: (a) il-materjal kollu tal-Kapitolu 4 użat ikun miksub kompletament, u (b) il-piż nett taz-zokkor mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx l-20 fil-mija tal-piż nett tal-prodott.
04.07-04.10	Produzzjoni fejn: (a) il-materjal kollu tal-Kapitolu 4 użat ikun miksub kompletament; u (b) il-piż nett taz-zokkor mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx l-20 fil-mija tal-piż nett tal-prodott.
Kapitolu 5	**Prodotti li ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi banda oħra**
0501.00-0511.99	Bidla minn ġo kwalunkwe waħda minn dawn is-subintestaturi jew kwalunkwe subintestatura oħra.

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5
Taqsima II	**Prodotti Veġetali** ***Nota:*** *Prodotti agrikoli u ortikulturali mkabbrin fit-territorju ta' Parti għandhom ikunu ttrattati bħala li joriġinaw fit-territorju ta' dik il-Parti, anki jekk imkabbra minn żerriegħa, basal, salvaġġ, żraġen, uqigħat tal-art, tilqim, nebbieti, rimi jew partijiet oħra ħajjin ta' pjanti importati minn pajjiż terz.*
Kapitolu 6 06.01-06.04	**Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u simili; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali** Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 6 jkun miksub kompletament.
Kapitolu 7 07.01-07.09 0710.10-0710.80	**Ħaxix, u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel** Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 7 jkun miksub kompletament. Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 7 jkun miksub kompletament.

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5
0710.90	Bidla minn kwalunkwe subintestatura oħra, sakemm: (a) il-piż nett ta' spraġ, fażola, brokkli, kaboċċi, karrotti, pastard, qarabagħli żgħir, ħjar, gherkins, qaqoċċ, faqqiegħ, basal, piżelli, patata, qamħ ħelu, bżar ħelu, u tadam mhux oriġinarji tal-Kapitolu 7 użati fil-produzzjoni ma jkunx jaqbeż l-20 fil-mija tal-piż nett tal-prodott, u (b) il-piż nett tal-ħaxix mhux oriġinarju tal-Kapitolu 7 użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx il-50 fil-mija tal-piż nett tal-prodott.
07.11	Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 7 jkun miksub kompletament.
0712.20-0712.39	Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 7 jkun miksub kompletament.
0712.90	Bidla fit-taħlitiet ta' ħaxix imnixxef minn ħaxix imnixxef darba minn ġo din is-subintestatura jew kwalunkwe subintestatura oħra, sakemm: (a) il-piż nett ta' kaboċċi, karrotti, qarabagħli żgħir, ħjar, gherkins, qaqoċċ, faqqiegħ, patata, qamħ ħelu, bżar ħelu, tadam u pitravi mhux oriġinarji tal-Kapitolu 7 użati fil-produzzjoni ma jkunx jaqbeż l-20 fil-mija tal-piż nett tal-prodott, u

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5
	(b) il-piż nett tal-ħaxix mhux oriġinarju tal-Kapitolu 7 użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx il-50 fil-mija tal-piż nett tal-prodott; jew Għal kull prodott ieħor tas-subintestatura 0712.90, produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 7 jkun miksub kompletament.
07.13-07.14	Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 7 jkun miksub kompletament.
Kapitolu 8	**Frott u ġewż li jittiekel; il-qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ**
08.01-08.10	Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 8 jkun miksub kompletament.
08.11	Produzzjoni fejn: (a) il-materjal kollu tal-Kapitolu 8 użat ikun miksub kompletament, u (b) il-piż nett taz-zokkor mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx l-40 fil-mija tal-piż nett tal-prodott.
08.12	Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 8 jkun miksub kompletament.
0813.10-0813.40	Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 8 jkun miksub kompletament.

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5
0813.50	Bidla minn kwalunkwe subintestatura oħra, sakemm: (a) il-piż nett ta' lewż, tuffieħ, berquq, banana, ċiras, qastan, frott taċ-ċitru, tin, għeneb, ġellewż, nuċiprisk, ħawħ, lanġas, għanbaqar u ġewż tal-Indja mhux oriġinarji tal-Kapitolu 8 użati fil-produzzjoni ma jkunx jaqbeż l-20 fil-mija tal-piż nett tal-prodott, (b) il-piż nett ta' frott u ġewż mhux oriġinarji ħlief lewż, tuffieħ, berquq, banana, ġewż tal-Brażil, karamboli, frott tal-anakardju, ġewż tal-anakardju, ċiras, qastan, frott taċ-ċitru, ġewż tal-Indi, tin, għeneb, gwava, ġellewż, frott tas-siġra tal-ħobż, liċċi,ġewż tal-makadamja, mangi, mangosteens, nuċiprisk, papaja (papaya), frott tal-passjoni, ħawħ, lanġas, pistaċċi, pitaħaja, għanbaqar, tamarindi u ġewż tal-Indja tal-Kapitolu 8 użati fil-produzzjoni ma jkunx jaqbeż il-50 fil-mija tal-piż nett tal-prodott, u (c) il-piż nett tal-frott u ġewż mhux oriġinarju tal-Kapitolu 8 użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx it-80 fil-mija tal-piż nett tal-prodott.
08.14	Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-Kapitolu 8 jkun miksub kompletament.
Kapitolu 9	**Kafè, te, matè u ħwawar**
0901.11-0901.90	Bidla minn kwalunkwe subintestatura oħra.
0902.10-0910.99	Bidla minn ġo kwalunkwe waħda minn dawn is-subintestaturi jew kwalunkwe subintestatura oħra.

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5
Kapitolu 10	**Ċereali**
10.01-10.08	Iċ-ċereali kollha tal-Kapitolu 10 huma miksuba totalment.
Kapitolu 11	**Prodotti tal-industrija tat-tħin; xgħir; lamti; inulina; glutina tal-qamħ**
11.01-11.09	Produzzjoni fejn il-materjal kollu użat tal-intestatura 07.01, is-subintestatura 0710.10, il-Kapitolu 10 jew 11, jew l-intestatura 23.02 jew 23.03 użat ikun miksub kompletament.
Kapitolu 12	**Żrieragħ u frott żejtnin; grani, żerriegħa u frott varji; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef**
12.01-12.07	Bidla minn kwalunkwe intestatura oħra.
12.08	Bidla minn kwalunkwe kapitolu ieħor.
12.09-12.14	Bidla minn kwalunkwe intestatura oħra.
Kapitolu 13	**Gommalakka; gomom, rażi, u linef u estratti veġetali oħrajn**
1301.20-1301.90	Bidla minn ġo kwalunkwe waħda minn dawn is-subintestaturi jew kwalunkwe subintestatura oħra.

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5
1302.11-1302.39	Bidla minn ġo kwalunkwe waħda minn dawn is-subintestaturi jew kwalunkwe subintestatura oħra sakemm il-piż nett taz-zokkor mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx l-20 fil-mija tal-piż nett tal-prodott.
Kapitolu 14	**Materjali veġetali tat-trizza; prodotti veġetali li mhumiex imsemmijin jew inklużi banda oħra**
1401.10-1404.90	Bidla minn ġo kwalunkwe waħda minn dawn is-subintestaturi jew kwalunkwe subintestatura oħra.
Taqsima III	**Xaħmijiet u Żjut tal-Annimali jew Ħxejjex u l-Prodotti mill-Qsim tagħhom; Xaħmijiet Ippreparati Tajbin għall-Ikel; Xamgħat ta' Annimali jew Ħxejjex**
Kapitolu 15	**Xaħmijiet u żjut tal-annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex**
15.01-15.04	Bidla minn kwalunkwe intestatura oħra.
15.05	Bidla minn ġo kwalunkwe waħda minn dawn is-subintestaturi jew kwalunkwe subintestatura oħra.
15.06	Bidla minn kwalunkwe intestatura oħra.

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	**Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5**
15.07-15.08	Bidla minn kwalunkwe kapitolu ieħor.
15.09-15.10	Produzzjoni fejn iż-żjut taż-żebbuġa kollha tal-intestatura 15.09 jew 15.10 ikunu miksuba kompletament.
15.11-15.15	Bidla minn kwalunkwe kapitolu ieħor.
1516.10	Bidla minn kwalunkwe intestatura oħra.
1516.20	Bidla minn kwalunkwe kapitolu ieħor.
15.17	Bidla minn kwalunkwe intestatura oħra, ħlief mill-intestatura 15.07 sa 15.15, is-subintestatura 1516.20 jew l-intestatura 15.18. ***Nota:*** *Għall-finijiet tar-regola tal-oriġini għall-intestatura 15.18 li ssemmi kontenut ta' impurità li ma jdubx, dan il-kontenut irid jitkejjel bl-użu tal-metodu Ca 3a-46 tal-American Oil Chemists' Society.*

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5
15.18	Bidla lejn xaħmijiet jew żjur veġetali uniċi jew il-frazzjonijiet tagħhom minn kwalunkwe kapitolu ieħor; jew Bidla għal taħlitiet ta' xaħmijiet jew żjut veġetali jew tal-annimali li ma jittiklux jew il-frazzjonijiet jew taħlitiet tagħhom, li jkun fihom 0,15 fil-mija jew inqas bħala piż nett ta' impuritajiet li ma jdubux minn f'din l-intestatura jew minn kwalunkwe intestatura oħra, sakemm il-produzzjoni tnaqqas il-kontenut ta' impurità li ma jdubx; jew Bidla lil kwalunkwe prodott ieħor tal-intestatura 15.18 minn kwalunkwe intestatura oħra.
15.20	Bidla minn ġo din l-intestatura jew kwalunkwe intestatura oħra.
15.21-15.22	Bidla minn kwalunkwe intestatura oħra.
Taqsima IV	**Oġġetti tal-Ikel Ippreparati; Xorb, Spirti u Ħall; Tabakk u Sostituti Mmanifatturati tat-Tabakk**
Kapitolu 16	**Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn**
16.01-16.02	Bidla minn kwalunkwe kapitolu ieħor, ħlief il-Kapitolu 2.

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5
16.03	Bidla minn kwalunkwe kapitolu ieħor, ħlief il-Kapitolu 2 jew 3.
16.04-16.05	Bidla minn kwalunkwe kapitolu ieħor, ħlief il-Kapitolu 3.
Kapitolu 17	**Zokkor u ħelu taz-zokkor**
17.01	Bidla minn kwalunkwe intestatura oħra.
17.02	Bidla minn kwalunkwe intestatura oħra, ħlief mis-subintestatura 1701.91 jew 1701.99, sakemm il-piż nett tal-materjal mhux oriġinarju tal-intestatura 11.01 sa 11.08, is-subintestatura 1701.11 jew 1701.12 jew l-intestatura 17.03 użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx l-20 fil-mija tal-piż nett tal-prodott.
17.03	Bidla minn kwalunkwe intestatura oħra.
17.04	Bidla minn kwalunkwe intestatura oħra, sakemm: (a) (i) il-piż nett taz-zokkor mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx l-40 fil-mija tal-piż nett tal-prodott; jew

Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata	Regola speċifika għall-prodott skont l-Artikolu 5
	(ii) il-valur taz-zokkor mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx it-30 fil-mija tal-valur tat-tranżazzjoni jew tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott; u (b) il-piż nett tal-materjal mhux oriġinarju tal-Kapitolu 4 użat fil-produzzjoni ma jaqbiżx l-20 fil-mija tal-piż nett tal-prodott.
